# dawl Franġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



"Mara ta' ħila min isibha?
*Tiswa ħafna aktar mill-ġawhar.*
Fuqha tistrieħ qalb żewġha,
*u dan żgur ikunlu ta' ġid"*

*Proverbji 31, 10-11*

MARZU 2014 ■ L-34 SENA ■ GĦADD 338

NEWSPAPER POST ■ ISSN 1811-5373

# Werrej


3 Editorjal
8 ta' Marzu – Jum Dinji għad-Drittijiet tal-Mara

5 Kotba Mqaddsa
Mill-Kitba li ħallielna P. Donat Spiteri OFMCap

6 Pastorali tas-Saħħa
minn Patri Mario Attard OFMCap

8 Knisja Ħajja: Ħidma u Aħbarijiet
minn Fr Silvestru Bonavia OFMCap

10 Sehem il-Lajċi fil-Knisja
minn Jude Muscat

12 Kultura
minn Tony C. Cutajar

13 Gi. Fra.
minn Sarah Buhagiar

14 Mill-Iskola ta' Patri Piju
minn Fr Joe Buttiġieġ OFMCap

16 Ħajja Franġiskan
minn Sr Josephine Xuereb, Madre Provinċjali SFCJ

19 Innu lil Madre Margerita
minn Kav. Joe M. Attard (biex jitkanta mit-tfal tal-iskejjel)

20 Franġiskaneżmu
minn Fr Ivan Scicluna OFMCap

22 Reliġjon u Kultura
minn Joseph C. Camilleri

24 40 Sena ta' Preżenza fil-Kenja
Intervista minn Fr Philip Cutajar OFMCap

28 Omelija
minn Fr Martin Micallef OFMCap, Ministru Provinċjal

31 Kompetizzjoni
Fr Wistin Attard OFMCap





dawl Franġiskan
LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

Nhar it-8 ta' Marzu jiġi ċċelebrat IL-JUM DINJI TAL-MARA. Inħallu li din l-okkażjoni tkun għalina lkoll opportunità sabiex nesprimu s-sens ta' gratitudni għall-preżenza u l-kontribut tal-mara f'kull qasam tas-soċjetà speċjalment dak tal-familja. Din iċ-ċelebrazzjoni għandha sservi wkoll sabiex inkomplu niskopru dawk l-ispazji fejn il-mara tista' tkompli tagħti l-kontribut tagħha mingħajr ma titlef l-identità li Alla għanieha biha.


Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena.

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, u għandha tintbagħat lid-Direttur:

**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Il-Furjana – FRN1211**

**Bord Editorjali**

*Editur*
Fr Philip Cutajar OFMCap

*Amministratur*
Fr Crispin Tabone OFMCap

*Distributuri Malta*
Dorian Holland OFS

*Distributuri Għawdex*
Pierre E. Buttiġieġ OFS

*Membri*
Joe Debattista – GFF
Gordon Swain – ĠIRFA

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**

Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

*Telefown:* 2123 3874,
2122 5525,
2123 4949

*Imejl:*
cutajarphilip777@gmail.com

*IISN 1811-5373*

*Disinn, Layout u Mitbugħ*
Best Print Co. Ltd
*Telefown:* 2168 0789

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidħru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriżerva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



*© Dawl Franġiskan 2014*


*Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini*



EDITORJAL Fr Philip Cutajar OFMCap

*8 ta' Marzu*

# Jum Dinji għad-Drittijiet tal-Mara

## *Mara titlef qatt l-Identità vera tiegħek*

Nhar it-8 ta' Marzu jiġi ċċelebrat il-JUM DINJI TAL-MARA. Dan illum, wara mixja xejn faċli lejn l-emanċipazzjoni tad-drittijiet tal-mara, qiegħed jiġi ċċelebrat kważi fid-dinja kollha għalkemm mhux kullimkien bl-istess tifsira u intensità. Nistgħu ngħidu li l-JUM DINJI TAL-MARA huwa espressjoni tal-isforzi kontinwi li seħħew speċjalment matul dawn l-aħħar mitt sena bil-għan li l-mara takkwista l-ugwaljanza mar-raġel bħala persuna. Dan il-jum kien ġie ċċelebrat l-ewwel darba fil-Ġermanja, l-Awstrija u d-Danimarka fl-1911. Kellna nistennew sas-sena 1977 sabiex l-Assemblea Ġenerali tal-Għnus Magħquda pproklamat it-8 ta' Marzu bħala l-JUM INTERNAZZJONALI TAD-DRITTIJIET TAL-MARA.

Però meta nitkellmu b'ħarsa globali, minn dawn id-drittijiet li l-mara bħala persuna għandu jkollha, ninnutaw li għalkemm f'diversi pajjiżi speċjalment dawk tal-ewwel dinja saru żviluppi kbar, ma nistgħux ngħidu dan għall-pajjiżi tat-tielet dinja. Hawnhekk għadu ferm lura d-dritt għall-ugwaljanza fl-edukazzjoni. Il-vjolenza domestika għadha t-traġedja ta' kuljum. Huwa kkalkulat li madwar 603 miljun mara jgħixu f'pajjiżi maħkuma mill-vjolenza domestika. Il-mutilazzjoni ġenitali fit-tfajla flimkien mal-vjolenza sesswali huma stejjer ta' kuljum fejn min suppost iħares il-ġustizzja jibqa' passiv. Skont ċifri ppubblikati juru li mal-50 fil-mija tal-abbużi sesswali jsiru ma' tfal bniet ta' taħt l-età ta' 16-il sena. Jeżistu aktar minn 60 miljun tfajla li jiġu obbligati kontra r-rieda tagħhom jiżżewġu taħt l-età ta' 18-il sena lil irġiel mhux magħżula minnhom. Meta nitkellem mill-pajjiżi tat-tielet dinja ma jfissirx li aħna, fl-Ewropa, in-nisa qegħdin fil-ġenna tal-art. Il-vjolenza domestika u dik sesswali kontra l-mara għadhom iħammġu u jbaxxu dik li nsejħulha "ċiviltà Ewropea".

### X'NIFHMU B'EMANĊIPAZZJONI?

Hawnhekk irridu noqogħdu ferm attenti għaliex anke l-istess nisa żbaljaw b'manjiera ferm esaġerata b'tali mod li aktar għamlu ħsara lilhom infushom milli ġid. Il-moviment għall-emanċipazzjoni tal-mara qatt m'għandu jkun dak li jġib lill-mara l-istess f'kollox bħar-raġel: UGWALI IVA, IMMA L-ISTESS QATT. Meta nippruvaw nippreżentaw lill-mara bħala kopja identika għar-raġel inkunu qed inċaħħduha minn dawk il-karatteristiċi nobbli u essenzjali li jiffurmaw l-identità tagħha. U meta dawn jonqsu hija s-soċjetà li ser tbati għaliex il-mara tgawdi fin-natura tagħha, hekk maħluqa minn Alla, valuri li ħadd m'għandu dritt jibdilhom mingħajr ma jagħmel ħsara kbira lill-umanità.



## L-EMANĊIPAZZJONI TAL-MARA U L-KNISJA

Meta nitkellmu mill-mara f'relazzjoni mal-atteġġjament ta' Ġesù lejha, fl-Evanġelju naraw rivoluzzjoni b'kuntrast mal-kultura ta' żmienu. L-għażla ta' Marija sabiex tkun ommu, Omm Alla, hija realtà li taffaxxinak. Diversi nisa kienu jsegwuh kull fejn imur bħala dixxipli u kienu jaqduh. Wera mħabba speċjali lejn in-nisa midinba filwaqt li għal ta' żmienu dawn kienu meqjusa bħala inferjuri u emarġinati. Wassal lilhom u permezz tagħhom revelazzjonijiet ferm importanti fil-ħajja u l-messaġġ li ġie sabiex jagħtina. Biżżejjed niflu r-relazzjoni sabiħa li kellu ma' Marta u Marija, l-aħwa tal-ħabib tiegħu Lażżru u ma' Marija ta' Magdala, dik li għax ħabbet ħafna, inħafrulha ħafna.

Nhar il-25 ta' Jannar li għadda l-Papa Franġisku għal darb'oħra għamel appell sabiex jingħata aktar spazju għall-preżenza tal-mara fis-soċjetà u fil-Knisja.

***Però "fl-istess waqt qatt m'għandna nieqfu nenfasizzaw dwar ir-rwol indispensabbli tagħha fi ħdan il-familja, speċjalment fil-vokazzjoni tagħha li tgħaddi lill-ġenerazzjonijiet futuri prinċipji sodi kemm f'relazzjoni mal-ħajja tal-fidi kif ukoll dawk ta' valuri morali."***

F'diskors ieħor li l-Papa Franġisku għamel nhar it-12 ta' Ottubru tas-sena li għaddiet, għamel distinzjoni interessanti bejn **"*il-mara seftura*"** u **"*il-mara qaddejja*"**. Filwaqt li għandna neliminaw għalkollox dik tal-ewwel għaliex tbaxxi d-dinjità tal-mara però għandna nisħqu fuq tat-tieni bil-għan li l-mara tieħu aktar l-atteġġjament evanġeliku ta' qadi fil-familja u fis-soċjetà. Hawnhekk huwa semma wkoll żewġ perikli li l-mara tista' taqa' fihom. L-ewwel huwa meta *"il-mara tħares lejn il-maternità unikament bħala fattur soċjali, dmir, li għalkemm jibqa' nobbli, però ma jgħinx fil-bini tal-komunità."* *It-tieni periklu huwa "meta sabiex inġibu 'l quddiem l-emanċipazzjoni tal-mara naslu biex nabbandunaw dak kollu li jibni l-identità femminili tagħha bir-riskju li jintilfu l-valuri kollha marbuta magħha."*

**FILWAQT LI NAWGURAW LIL KULL MARA F'DAN IL-JUM DINJI DDEDIKAT LILHA U NIRRINGRAZZJAWHA TAL-PREŻENZA TAGĦHA FIS-SOĊJETÀ, INĦEĠĠUHA BIEX QATT MA TITLEF DAK LI HU TAGĦHA U DAK LI JAGĦMILHA DAK LI HI: MARA**



 Mill-Kitba li ħallielna P. Donat Spiteri OFMCap



# Il-Ħmira

"Qalilhom parabbola oħra: 'Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil ftit ħmira li waħda mara tkun qabdet u ħalltet ma' tliet sigħan dqiq sa ma tkun għoliet il-għaġna kollha.'"

*Mattew 13, 33*

"U reġa' qalilhom: 'Ma' xiex se nxebbaħha s-Saltna ta' Alla? Tixbah lil ftit ħmira li waħda mara qabdet u ħalltet ma' tliet sigħan dqiq sakemm għoliet il-għaġna kollha.'"

*Luqa 13, 20-21*

Din il-parabbola tixbah lil dik taż-żerriegħa tal-mustarda (ara DF – Diċembru – pp.4-5) li sew fl-Evanġelju ta' San Mattew u sew f'dak ta' San Luqa qiegħda qabilha. Iż-żewġ Evanġelisti għaqqdu flimkien iż-żewġ parabboli għax it-tnejn għandhom l-istess tagħlima: il-bidu ċkejken tas-Saltna ta' Alla u l-kobor tagħha fit-tmiem.

Dak iż-żmien il-ħobż tal-familja kienet taħdmu l-mara tad-dar. Mad-dqiq kienet tħallat ftit ħmira biex l-għaġna kollha tiffermenta, togħla u tikber. Il-mara tal-parabbola ħalltet il-ħmira "ma' tliet sigħan dqiq". Sigħan bil-Malti, hu l-plural ta' siegħ (ara Ġen 18, 6; 1 Slat 18, 32), fit-test Grieg sàton; dan kien kejl Lhudi ta' ftit aktar minn nofs tomna.

Il-valur tal-parabbola qiegħed fil-qawwa tal-ħmira li, għalkemm ftit ħdejn il-kwantità tad-dqiq, għandha s-saħħa tkabbar l-għaġna kollha. U din hi t-tifsira tal-parabbola: il-qawwa ta' Alla li taħdem fid-dinja permezz tal-Evanġelju. "L-Evanġelju hu l-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu." (Rum 1,16)



Xi drabi fil-Bibbja l-ħmira għandha s-sens negattiv tal-influwenza tal-ħażen fid-dinja, li bil-qawwa tiegħu jiġbed lill-bnedmin għal warajh (ara Eż 12,19; Dt 16,3; 1 Kor 5,6-8; Gal 5,9; Mt 16,6-11). Il-Lhud ta' żmien Ġesù kienu jafu b'dan is-sens metaforiku tal-kelma "ħmira". Iżda f'din il-parabbola Ġesù nqeda b'din il-kelma bil-kuntrarju, mhux fuq il-qawwa tal-ħażen, imma fuq il-qawwa tat-tajjeb li ġej minn Alla. Il-ħażen b'saħħtu, imma Alla b'saħħtu wisq aktar minnu. It-tajjeb li ġej minn Alla, jirbaħ fuq il-ħażen tad-dinja. "Tħallix il-ħażen jirbħek, iżda irbaħ il-ħażen bit-tajjeb." (Rum 12,21)



PASTORALI TAS-SAĦĦA Patri Mario Attard OFMCap

# Father, il-Qraba jriduk tiġi ħa titlob Talba

Ix-xogħol tal-Isptar nistħajlu bħal qawsalla miksija bl-isbaħ ilwien. Kull jum li jgħaddi minn fuqi dejjem isebbaħ il-portafoll pastorali tiegħi ta' kappillan b'esperjenza mill-isbaħ u mimlija tifsira li dritt iġagħluni ninżel għarkuptejja u bid-dmugħ f'għajnejja niżżi ħajr lill-Mulej li għoġbu jżejjinni bil-privileġġ li naqdih fil-morda, il-mimmi t'għajnejh!

Mhux l-ewwel darba li jkun qiegħed ikellimni xi marid jew qrabatu, inkella nkun bi kwieti f'kamarti nirrifletti fil-Kwartieri tagħna l-kappillani, meta l-imbierek *pager* jibda jdoqq! U hekk kif inċempel u nistaqsi fuq it-telefown min jien dlonk xi infermier jew infermiera jirrispunduni b'dawn il-kelmiet:

**"Father, għandna pazjent qiegħed imut. Il-qraba jriduk tiġi ħa titlob talba."**

L-adrenalina timmarkali li hija sejħa urġenti. U biex tagħqad Ġesù fil-pazjent inħossu jgħidli: *Itlaq kollox u ejja żurni!*

Niftakar li għall-bidu li bdejt naħdem fl-Isptar bħala wieħed mill-kappillani, jiġifieri maddisa' snin ilu, l-ewwel ħaġa li kienet taqagħli f'rasi meta kienu jgħajtuli minn xi sala biex immur nitlob ħdejn xi ħadd li ħajtu tkun imdendla b'xagħra kienet li mmur biswit is-sodda tal-marid u nitlob talba spontanja minn dawk li l-Mulej jaf iħawwarli fuq fommi. Ġeneralment it-talba kienet tinżel ħelu manna mal-marid. U l-iktar mal-familjari tiegħu! Kemm-il darba persuni qaluli bid-dmugħ f'għajnejhom wara li nkun tlabt magħhom: "Grazzi Father!"

Madankollu meta ż-żmien beda jgerbeb ġmielu u jien, bħala kappillan, bdejt ngħarbel iżjed lili nnifsi ħa nara ftit lejn liema rotta miexi fil-ħidma pastorali tiegħi fl-Isptar u anki bl-għajnuna prezzjuża tas-*supervisor* tiegħi, bdejt iktar nintebaħ li fil-verità lill-pazjent u kif ukoll lill-familjari tiegħu, stajt tabilħaqq nagħtihom xi ħaġa iżjed. Għalhekk mat-talba li soltu kont ngħid bdejt inżid ukoll l-għoti tal-assoluzzjoni. Biż-żmien intbaħt kemm din kienet tassew ta' benefiċċju kbir ibda għall-persuna marida u spiċċa għall-familja tiegħu stess. Bl-assoluzzjoni l-marid jirċievi l-maħfra ta' ħtijietu u allura jista' jkun iktar imħejji biex jiltaqa' mal-Mulej, il-Ħallieq u l-Feddej tiegħu, wiċċ imb wiċċ. Barra minn hekk l-assoluzzjoni hija wkoll ċertifikat għall-familjari tal-persuna li din kienet tassew imħejjija sewwa ħalli tidħol fil-hena ta' dejjem. Tiskanta x'differenza tagħmel fil-familjari meta jkunu jafu li l-maħbub/a tagħhom kienu mħejjijin sewwa għall-mewt u hekk salvaw ruħhom!





Xi ħaġa li ssaħħarni fil-ħajja tas-saċerdot hija li huwa bniedem bħalna. Is-saċerdot ukoll qiegħed jagħmel mixja ta' fidi, eżattament kif qegħdin nagħmlu int u jien. Fil-mixja personali tiegħi ta' fidi l-Mulej jurini x'qawwa fiha l-Ħniena Divina tiegħu! Is-sejba ta' dan it-teżor imprezzabbli seħħet f'qalbi f'pellegrinaġġ li wettaqt fil-Polonja s-sena l-oħra. Fuq stedina ta' Ġesù nnifsu jiena kkonsagrajt ħajti lill-Ħniena Divina tiegħu.

"Kemm rajt persuni li waslu fl-aħħar ta' ħajjithom u daħlu f'paċi li ma titfissirx ..."

Kif inżilt Malta mill-ewwel il-Mulej urieni x'ried minni bħala kappillan fl-Isptar. Meta ftaħt għall-ewwel darba u qrajt id-*Djarju ta' Santa Faustina* sibt miktub dan il-kliem li qalibli l-ħajja saċerdotali u Franġiskana tiegħi ta' taħt fuq: "Binti, ħajjar lill-erwieħ jgħidu l-kurunella li Jiena tajtek. Jiena nieħu gost nagħtihom dak kollu li huma jitolbuni permezz tal-kurunella. Meta midinbin b'qalbhom iebsa jgħiduha, Jiena nimlielhom ruħhom bil-paċi, u s-siegħa tal-mewt tagħhom tkun waħda hienja ... Ikteb illi meta huma jgħidu din il-kurunella fil-preżenza tal-moribond, Jiena nidħol bejn Missieri u l-moribond mhux bħala Mħallef Ġust iżda bħala Salvatur mimli ħniena." (*Djarju* 1541).

"Jiena nimlielhom ruħhom bil-paċi, u s-siegħa tal-mewt tagħhom tkun waħda hienja ..."

Imqanqal mill-wegħda ta' Ġesù bdejt nitlob bil-ħrara l-Kurunella ħdejn il-moribondi fl-Isptar. Kemm rajt ħwejjeġ kbar iseħħu quddiemi! Kemm rajt persuni li waslu fl-aħħar ta' ħajjithom u daħlu f'paċi li ma titfissirx għaliex ħdejhom intalbet il-Kurunella! Mhux biss imma bdew iħarsu qishom qegħdin jaraw lil xi ħadd! B'liema paċi l-familjari tal-moribondi jitħaddnu biha kull darba li l-Kurunella tintalab magħhom! L-imħabba materna ta' Ġesù tfarrġilhom qalbhom!

Illum sar l-għors tiegħi meta l-infermieri jċempluli u jgħiduli: "Father, ejja għax il-qraba jriduk tiġi u titlob talba." Dak ifisser li persuna oħra se tkun salvata u familja oħra se tkun imfarrġa! Dan ifisser li ruħ oħra daħlet is-sema u li l-missjoni tiegħi ta' saċerdot tkun irnexxiet. Hija saċerdot għaliex ma tibnix is-saċerdozju tiegħek fis-sod? Mela għaliex ma tħeġġiġx lil dawk li jqerru għandek biex jitolbu kuljum il-Kurunella tal-Ħniena Divina?

 Fr Silvestru Bonavia OFMCap

## Il-Messaġġ tal-Papa Franġisku għar-Randan

# Niftaqru bħal Kristu... biex nistagħnu fi Kristu... u nagħnu lil ħutna fqar



Il-Messaġġ tal-Papa għal dan ir-Randan huwa mibni fuq kliem S. Pawl:

> "Sidna Ġesù Kristu, li għad li kien għani, ftaqar minħabba fikom, sabiex intom tistagħnu permezz tal-faqar tiegħu." (2 Kor, 8,9).

Wara li jitkellem fit-tul fuq il-faqar ta' Ġesù li minn Alla sar Bniedem biex aħna nistagħnew fiH, il-Papa jistedinna biex inħarsu madwarna. Papa Franġisku jħeġġiġna biex aħna wkoll, fil-limiti tagħna, ngħinu lill-fqar taħt diversi għamliet, li huma tlieta: **il-faqar materjali, il-faqar morali u l-faqar spiritwali**.

Il-faqar **materjali** huwa dak meta l-bniedem ikun qed jgħix *"f'kundizzjoni li ma tixraqx lill-persuna umana, li tkun imċaħħda mid-drittijiet fundamentali u mill-ġid l-iżjed meħtieġ, jiġifieri l-ikel, l-ilma, kundizzjonijiet ta' ndafa, ix-xogħol, il-possibbiltà ta' żvilupp u tkabbir kulturali... il-vjolazzjonijiet tad-dinjità umana, id-diskriminazzjonijiet u l-abbuż tal-poter, li f'tant każi, huma l-għeruq tal-miżerja."*

Il-faqar **morali** huwa meta l-bniedem isir *"ilsir tal-vizzju u tad-dnub. Kemm familji huma mifnija għax xi ħadd mill-membri – spiss iż-żgħażagħ – ikunu waqgħu fil-vizzju tax-xorb, droga, tal-logħob, tal-pornografija. Kemm persuni tilfu s-sens ta' ħajjithom, tonqoshom viżjoni tal-futur u huma bla tama!"*

Il-faqar **spiritwali** li huwa marbut mat-tnejn ta' qabel huwa dak meta l-bniedem jitbiegħed minn Alla u jirrifjuta mħabbtu. *"Jekk naħsbu li m'għandniex bżonn ta' Alla, li fi Kristu jżommilna jdejna, għax jidhrilna li nistgħu ngħaddu weħidna, inkunu qed nimxu fit-triq tal-falliment."*

Imbagħad, fit-tmiem tal-Messaġġ, nisimgħu lill-Papa nnifsu jkompli jgħidilna biex, flimkien mal-Knisja kollha, nagħtu xhieda "tal-imħabba tal-Missier ħanin, li dejjem lest fi Kristu jgħannaq miegħu lil kull bniedem."

Dan nistgħu nagħmluh, itenni l-Papa, daqskemm inkunu ħaġa waħda ma' Kristu, li ftaqar biex bil-faqar tiegħu stajna nistagħnu aħna. Ir-Randan hu ż-żmien it-tajjeb biex niċċaħħdu minn xi affarijiet; u jagħmlilna tajjeb jekk nistaqsu lilna nfusna minn liema

ħwejjeġ nistgħu niċċaħħdu biex, hekk, aħna nagħnu lill-oħrajn. Ma ninsewx li l-faqar veru jweġġa': l-ebda ċaħda ma tkun tiswa mingħajr din id-dimensjoni penitenzjali, jgħid il-Papa Franġisku. "*Ma nemminx f'għamla ta' karità li m'għandhiex prezz u li ma tweġġax ... Insiru operaturi tal-ħniena.*"

Hawn huma t-tliet kelmiet li jrid isemmgħalna Papa Franġisku:

1. Inħarsu madwarna u **niskopru dan il-faqar** fina l-ewwel nett; fil-familji tagħna, madwarna, fit-triq tagħna fejn ngħixu, fil-komunità tiegħi. Kristu minn għani sar fqir għalina. Jien qed nipprova niċċaħħad tassew minn xi ħaġa biex ħaddieħor li hu fqir ikun jista' jgħix aħjar id-dinjità tiegħu jew tagħha bħala wlied Alla, mingħajr il-faqar materjali, morali jew spiritwali?

2. Jien x'qiegħed nagħmel, bir-responsabbiltà li għandi, hi x'inhi – u kull bniedem għandu sehem mir-responsabbiltà tal-aħwa – l-ewwel nett biex **nistagħna tassew fil-għaqda tiegħi ma' Kristu**, biex nilqa' fija l-Kelma ta' Ġesù, biex, kif jgħid il-Papa, "permezz tas-Sagramenti, tal-Kelma u tal-Knisja," jiena nwarrab minni kull xorta ta' faqar u nistagħna fi Kristu, u hekk inkun nista' nqassam u naqsam ma' kulħadd dan l-għana ta' Kristu li huwa tana bil-faqar tiegħu. Hekk fostna jonqos il-faqar materjali u fuq kollox dak morali u spiritwali. Imma rrid nibda minni l-ewwel!

3. It-tielet kelma tal-Papa li nistgħu nfasslu għalina f'dan ir-Randan hija "ċaħda": "Liema huma dawk il-ħwejjeġ li l-Papa jistedinna "niċċaħħdu minnhom biex nistgħu nagħnu lill-oħrajn ... L-ebda ċaħda ma tkun tiswa mingħajr din il-kwalità penitenzjali. Ma nemminx, itenni l-Papa, f'għamla ta' karità li ma tweġġax."

Ir-Randan huwa żmien ta' grazzja li Alla jagħti lill-Knisja, lill-komunità Nisranija, u lil kull wieħed u waħda minna biex nersqu aktar qrib lejH; biex inressqu kemm nistgħu lejH aktar persuni li huma fil-faqar materjali, jew morali jew spiritwali. Kelma nistgħu dejjem ngħiduha ... Mhux aktar! U eżempju tajjeb dejjem nistgħu nagħtu. U xi għajnuna kbira jew żgħira lkoll ukoll nistgħu nagħtuha. Niftakru, jgħidilna l-Papa, li jekk tkun tiswielna xi ftit tkun vera karità, imħabba, għax ***"fil-foqra u fl-imwarrbin aħna nilmħu wiċċ Kristu; meta nħobbu u ngħinu lill-foqra, inkunu nħobbu u naqdu lil Kristu."***

Hekk aħna nersqu biex niċċelebraw l-Għid tal-Qawmien ta' Kristu tassew għax aħna wkoll inkunu qomna mill-għażż, jew bruda jew nuqqas ta' ħeġġa. U nkunu kif iridna lkoll il-Papa parti minn dik il-Knisja vera ta' Ġesù, Knisja ħajja, fqira, għall-fqar (*Il-Ferħ tal-Evanġ.* 198) ... Knisja li toħroġ 'il barra għax tkun Knisja ta' dixxipli-missjunarji (20-24).

Fit-28 ta' Frar, il-Fundazzjoni *Suret il-Bniedem* u l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini fetħu Dar San Franġisk f'Albert Town, il-Marsa, għal aktar familji fil-bżonn. Huwa eżempju ieħor kif nistgħu ngħinu. Inti wkoll mitlub fl-ispirtu tas-sejħa tal-Papa tagħti b'xi mod sehmek. Grazzi mill-qalb.

**Twitter mill-Papa Franġisku:**

1) Huwa importanti li jkollok il-ħbieb li tista' tafdhom. Imma huwa essenzjali li nafdaw il-Mulej li qatt ma jiddiżappuntana (3 ta' Frar)

2) Id-dinja tagħmilna nħarsu lejna nfusna, lejn dak li għandna u x-xewqat tagħna. L-Evanġelju jistedinna ninfetħu għall-oħrajn, naqsmu dak li għandna mal-fqar (6 ta' Frar)

3) Insellem lill-morda kollha u dawk li qed ibatu: Ġesù Msallab huwa magħkom. Kunu dejjem imqabbdin miegħu (11 ta' Frar)

> **niċċaħħdu minnhom biex nistgħu nagħnu lill-oħrajn...**
> L-ebda ċaħda ma tkun tiswa mingħajr din il-kwalità penitenzjali



SEHEM IL-LAJĊI FIL-KNISJA Jude Muscat



# Mur irrestawra L-KNISJA TIEGĦI

Fl-aħħar żewġ artikli tkellimt dwar żewġ aspetti importanti fil-ħidma tal-bini tal-Knisja, jew aħjar fil-bini u t-tkabbir ta' komunità li temmen. Il-mewta personali tiftħilna l-bibien ta' qalbna għall-imħabba ta' Alla, li minkejja dak li nistgħu ngħaddu minnu, jimliena b'ferħ li ma jista' jeħodhulna ħadd! Dan fih innifsu isir xhieda awtentika ta' Knisja ħajja; Knisja fqira imma għanja fl-istess waqt, għax tkun kanal ta' ferħ ġenwin li ġej minn Alla, ferħ u sliem li l-bniedem jipprova jakkwista u ma jsibu qatt, jekk mhux f'Ġesù.

Inħossni verament ixxurtjat, u mill-fond ta' qalbi nfaħħar lil Alla għal din il-grazzja kbira li tana! Kważi kważi, inħossni kburi b'dan il-privileġġ li l-ferħ tal-Ispirtu sab postu ġewwa fina! Verament wieħed irid jispjega xi tfisser 'kburi' f'dan il-kuntest. L-innu ta' tifħir lil Alla minn Marija jagħmel din it-tifsira faċli:

> *Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi, għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja.*
>
> Lq 1:46-48



Jidhirli jien illi din is-silta tiġbor fiha t-tifsira kollha tal-attitudni ta' umiltà. Mela bdejt biex infisser il-kelma 'kburi' u bħala tifsira tajt dik tal-umiltà! Kieku ż-żgħażagħ jgħiduli: int orrajt jew! L-umiltà tinkludi dejjem l-għarfien tal-verità dwarna nfusna. Ara, Marija, li tista' tgħid hija sultana tal-umli, tifhem mill-ewwel illi dak li Alla għamel magħha, u hawnhekk hija propju l-qalba tal-umiltà, ser jagħmilha hienja 'minn issa 'l quddiem' f'għajnejn dawk kollha li jemmnu!

F'waħda mit-talbiet attribwiti lil San Franġisk t'Assisi naqraw li "Alla huwa umiltà". F'Alla, l-għarfien dwaru

nnifsu huwa perfett; huwa la jiddejjaq juri qdusitu u lanqas jiddejjaq jiċċappas mad-dnub tal-umanità! La jiddejjaq juri qawwietu u lanqas jiddejjaq imdendel mas-salib għas-salvazzjoni tagħna. Ma jiddejjaqx jitlob minna adorazzjoni, qima u tifħir imma lanqas jiddejjaq jibgħat lill-Ibnu stess, biex jiftaħ il-kustat tiegħu biex jgħammidna fi Spirtu ta' adozzjoni.

L-umiltà hija attribut importanti fil-ħajja tal-Knisja bħala komunità, imma speċjalment kif tidher fil-ħajja ta' kull individwu. Ma jistax ikun hemm bini vera tal-Knisja mingħajr l-umiltà. B'dan l-attribut jiena, int u kull persuna mgħammda, tagħraf kemm iċ-ċokon tagħha kif ukoll il-kobor tal-ħidma ta' Alla f'ħajjitha! Malli persuna tagħraf il-kobor tal-ħidma ta' Alla fiha, mingħajr ma trid tingħata għall-qadi. Jaffaxxinani l-kliem li nsibu fil-Vanġelu ta' San Luqa dwar dik l-armla li "ma kienet titwarrab qatt mit-tempju, lejl u nhar taqdi lil Alla fis-sawm u t-talb." (2:37) It-talb u s-sawm isir qadi, għaliex huwa ta' benefiċċju għall-poplu sħiħ ta' Alla.

Kif għidna, l-umiltà ma tnessiniex il-verità dwarna nfusna; kemm għax permezz tagħha nifhmu d-dgħufija u d-dnub tagħna, u wkoll għax nagħrfu l-ħidma tal-Ispirtu Qaddis li jimliena b'dak li hu neċessarju biex nipparteċipaw b'mod ħaj u sħiħ fil-bini tal-Knisja.

Meta b'umiltà jiena nagħraf sewwa min jien, ma nistax aktar inħares lejn 'l-oħrajn', bħallikieku, jiena xi qaddis u dawk midinbin! Ma nistax nagħmel xi linja ta' separazzjoni bejni u bejn 'l-oħrajn'. Fi spirtu ta' umiltà għandi nħossni viċin ta' kull persuna; għandi nħoss id-dmir li nkun qaddej ta' kulħadd! Kemm dawk li huma viċin tal-Knijsa, kif ukoll, u b'mod speċjali dawk li huma 'l bogħod. **Ġesù, li bla dubju hu bla dnub,** wera l-qofol tal-imħabba tiegħu, jiġifieri miet għalina, meta aħna konna għadna midinbin (Cf. Rum 5:8). **Ġesù, Alla li huwa umli, ma qagħadx ifittex magħna**, "iżda xejjen lilu



"Ilbsu l-umiltà ma' xulxin..."

1Pt 5:5

nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir ... ċekken lilu nnifsu ... sal-mewt tas-salib." (Fil 2:7-8) **Ġesù rebaħ kontra l-mewt u d-dnub, mhux mill-bogħod, mhux minn fuq it-tron ta' saltnatu,** imma wiċċ imb wiċċ! B'umiltà kbira daħal fl-istorja tal-midneb, tħallat mal-midneb, daħal fid-dlam tal-umanità, iltaqa' mal-korruzzjoni umana, u biddel id-dlam f'dawl, id-diżgrazzja fi grazzja, u l-vistu f'żifna!

Jien, li jiena mċappas mid-dgħufija u bid-dnub, għalfejn għandi naħrab lill-midneb bħallikieku x-xitan innifsu? Wara kollox, jekk niltaqa' mal-midinbin, inkun f'kumpanija tajba! Tgħiduli, vera, aħna lkoll midinbin, imma wara kollox, hawn midneb u midneb, midneb li jqum wara li jaqa', jiġifieri li jisgħobbih, u midneb li ma jinteressah xejn. Din ukoll hija verità, imma min ser isejjaħ lill-persuna aljenata? Ir-ragħaj it-tajjeb, kif ser jidħol fiċ-ċirku ta' dawk li tilfu kull xewqa li jafu lil Alla? Is-Samaritan it-tajjeb, mil-liema triq ser jgħaddi? Minn fejn hemm il-batut, jew fejn m'hemm ħadd?

Mingħajr spirtu ta' ċokon, ta' umiltà, il-Knisja ma tinbeniex, imma tibqa' ċirku ta' nies medhijin bihom infushom, jaħsbu li laħqu s-sema mit-tjubija tagħhom.



KULTURA Tony C. Cutajar

# Storja tal-Bolol (36)

## 25 ANNIVERSARJU TAL-UNION HADDIEMA MAGĦQUDIN




L-Union Ħaddiema Magħqudin twaqqfet fid-29 ta' Settembru 1966 u għall-ewwel kien jisimha Malta Government Clerical Union. Fl-1973 biddlet isimha f'Malta Government Employees Union. Kien ħames snin wara li saret magħrufa bħala l-UHM għax bdiet tinkludi l-impjegati kollha fis-setturi kollha. Għall-okkażjoni ta' għeluq il-25 sena mit-twaqqif tagħha, il-Posta ta' Malta fit-23 ta' Settembru 1991, ħarġet bolla kommemorattiva tal-4ċ fuq disinn ta' Norbert Attard.

## WORLD WIDE FUND FOR NATURE




Il-Word Wide Fund for Nature (WWF) twaqqfet fl-1961 biex tipproteġi l-annimali u l-pjanti milli jiġu meqruda darba għal dejjem. Fit-3 ta' Ottubru 1991 il-Posta ħarġet sett ta' erba' bolol fuq disinn ta' Harry Borg dwar erba' għasafar li hemm










bżonn nipproteġu f'Malta. Iż-żewġ bolol tal-4ċ juru l-kuċċarda li spiss tidher fl-għelieqi u l-bugħadam l-aħmar li jiġi minn Sardinja u narawh biss minn April sa Ottubru. Iż-żewġ bolol tal-10ċ juru l-bies tar-reġina li narawh minn Marzu sa Mejju u l-ispanjulett sekond li fil-ħarifa jħobb jorqod il-Buskett.

## MILIED 1991










Harry Borg iddisinja sett ta' tliet bolol mill-isbaħ tal-Milied li ħarġu fis-6 ta' Novembru 1991. Il-bolla tat-3ċ+1ċ turi lit-tliet Maġi joffru r-rigali tagħhom lit-tarbija li kienu ilhom ifittxu. Dik tal-10ċ+2ċ turi lil Marija u Ġużeppi b'Ġesù f'dirgħajhom, filwaqt li l-bolla tal-25ċ+3ċ turi żewġ rgħajja jqimu lill-Messija.

## L-AJRUPORT INTERNAZZJONALI

L-importanza tat-turiżmu dejjem jikber għall-ekonomija ta' Malta wassal għall-ftuħ ta' terminal ġdid għax l-ajruport l-antik kien sar żgħir wisq. Għal din l-okkażjoni, fit-8 ta Frar 1992 il-Posta ħarġet sett ta' żewġ bolol tal-4ċ u tal-10ċ fuq disinn ta' Harry Borg. L-ewwel ġebla tal-ajruport sabiħ, modern u spazjuż kienet tqiegħdet f'Settembru 1989 u dan tlesta fi żmien tliet snin. B'hekk l-ajruport issa seta' jilqa' żewġ miljuni u ħames mitt elf passiġġier kull sena.







**Jekk trid tirċievi 40 bolla ta' Malta b'denominazzjoni għolja, ibgħat 10 bolol ġodda tas-€0.26 fl-indirizz ta' hawn taħt.**

**KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA**

***Liema sett ta' bolol jogħġbok l-iżjed u għaliex?***

Ibgħat it-tweġiba tiegħek f'dan l-indirizz:

**Bolol ta' Malta, 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SĠN 1370**

Il-premjijiet jingħataw ġentilment mill-MaltaPost p.l.c.

Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni ta' Jannar 2014 kienu:

1. Joseph Mifsud, 27, Triq Ġużeppi Calleja, L-Iklin
2. Rose Debattista, 36, Triq Sant'Antnin, Ħal Tarxien TXN1180.
3. Raymond Falzon, Sta Marija, Triq S. Katerina, Il-Gudja GDJ1113



GI. FRA. Sarah Buhagiar

# X'inhi d-direzzjoni ta' ħajtek?

Dan l-aħħar iddeċidejt li nibda nagħmel ftit sforz biex naqta' mir-rutina ta' kuljum u nsib ftit ħin għalija. Sibt li l-aħjar mod li nagħmel dan hu li mmur nimxi f'xi post għall-kwiet 'il bogħod mill-ġenn tal-ħajja ta' kuljum.

Jum fost l-oħrajn waqt li kont miexja rajt żagħżugħ għaddej bir-rota. Qgħadt nosservah jaqdef b'kemm kellu saħħa sakemm wasal f'tarf it-triq. Propju f'dak il-ħin ħarsti waqgħet fuq raddiena li kienet qed iddur kontinwament.

Kos, bdejt ngħid bejni u bejn ruħi, x'żewġ kuntrasti! Hajjitna jaf tkun tixbah dik ir-rota jew ir-raddiena. Ir-raddiena qisha l-ħajja ta' dik il-persuna li tiddeċiedi li tħalli lil min imexxiha u jdawwarha mingħajr ma tasal imkien. Min-naħa l-oħra r-rota qisha l-ħajja ta' xi ħadd li għandu direzzjoni. Għalkemm jaf tħallik bla nifs xorta waħda għandek kontroll tagħha u tħallilek ftit ħin biex tħares lejn dak ta' madwarek.

Ħajtek liema tixbah? Lir-raddiena jew lir-rota? Nistħajjel min jgħid, "Irrid inlaħħaq ma' mitt ħaġa fil-ġurnata dejjem niġri, dejjem mgħaġġla għax kif inlesti minn ħaġa rrid nagħmel ħaġa oħra. Erbgħa u għoxrin siegħa mhumiex biżżejjed għal kulma jkolli ppjanat matul il-jum. Dejjem bla nifs. M'għandix ħin biex nitlob u ndur lejn Alla l-Missier biex nitolbu jagħtini l-għajnuna tiegħU. M'għandix ħin għal dawk ta' madwari biex nara jkollhomx bżonn ta' xi ħaġa jew xi ħadd min jismagħhom u jgħinhom.

> "
> - Irrid inlaħħaq ma' mitt ħaġa...
> - Erbgħa u għoxrin siegħa mhumiex biżżejjed...
> - M'għandix ħin biex nitlob u ndur lejn Alla...
> - M'għandix ħin għal dawk ta' madwari...
> "

Mela jaqbel li naraw x'nagħmlu biex innaqqsu minn dan il-ġenn tal-ħajja. Importanti li nagħrfu li aħjar nagħmlu azzjoni tajba għalina u għal ħaddieħor li tkun ġejja mill-qalb. Alla tana moħħ biex naħsbu u qalb biex inħobbu. Poġġiena f'soċjetà biex ngħinu lil xulxin. Ma ħalaqniex biex nieklu u norqdu biss imma biex nagħmlu ħilitna u nwettqu l-missjoni tiegħu man-nies ta' madwarna. B'danakollu nkunu nistgħu ngħidu li qed ngħixu mhux neżistu biss.

Għalhekk nixtieq nagħmel stedina lil dawk iż-żgħażagħ li jixtiequ jattendu xi grupp fejn bħala komunità ngħaddu ftit ħin flimkien biex insaħħu l-valuri soċjali u spiritwali filwaqt li nsibu ftit ċans biex ngħinu lil ħaddieħor ukoll.



MILL-ISKOLA TA' PATRI PIJU Fr Joe Buttiġieġ OFMCap

# Id-Devozzjoni ta' San Piju ta' Pietrelcina lejn San Ġużepp





Patri Piju minn Pietrelcina ma kienx biss devot tal-Madonna, imma anki ta' San Ġużepp, ir-raġel ġust u l-missier putattiv ta' Ġesù. Aktarx kienet ommu Peppa li nisslet fih din id-devozzjoni. Nafu li Francesco Forgione, ta' ħames snin, diġà kien beda jidħol f'estasi, u ta' spiss kien ikollu dehriet ta' Anġli u Qaddisin. Kien jaħseb li kulħadd kien ikollu minn dawn id-dehriet, speċjalment tal-Madonna, u għalhekk qatt ma ħass il-bżonn li jitkellem ma' xi ħadd dwarhom.

Maż-żmien bejn San Ġużepp u Francesco Forgione, Patri Piju, kibret relazzjoni ta' mħabba li kienet tidher filli Patri Piju kien mhux biss jammira l-kobor spiritwali tar-raġel ta' Marija, imma kien ifittex jimita l-virtujiet tiegħu u lejh idur fil-mumenti diffiċli tal-ħajja tiegħu fejn kull darba kien jaqla' grazzji kbar. Min-naħa l-oħra, San Ġużepp ma kienx jibqa' lura milli jidhirlu u jkun miegħu u jgħinu.

Il-jum tal-Erbgħa, imbagħad, kien jum li fih il-Kapuċċin tal-Pjagi kien iferragħ iktar mis-soltu l-imħabba tiegħu lejn il-missier putattiv ta' Ġesù permezz tat-talb. Il-ferħ li kien iġarrab kull nhar t'Erbgħa, kien jilħaq il-milja tiegħu fid-19 ta' Marzu, il-jum li fih il-Knisja tiċċelebra s-solennità ta' San Ġużepp.

Il-festa ta' San Ġużepp tad-19 ta' Marzu, 1912, kienet waħda li fiha, waqt il-Quddiesa, is-saċerdot ta' San Giovanni Rotondo, ġarrab 'ħlewwa tal-Ġenna' liema bħalha li dam jiggosta tal-inqas sakemm fissirha f'Ittra lid-direttur spiritwali tiegħu, Patri Wistin minn San Marco in Lamis, li kitiblu jumejn wara, fil-21: "Alla biss jaf xi ħlewwa ġarrabt ilbieraħ, il-festa ta' San Ġużepp, l-aktar wara l-Quddiesa, hekk li għadni nħossha s'issa. Rasi u qalbi kienu qed jaqbdu b'nar li għamilli ġid. Ħalqi tiegħem il-ħlewwa kollha tal-Ġisem tal-Iben t'Alla. Ah, waqt li għadni nħoss din il-ħlewwa, tista' tgħid, kollha, kieku kelli nidfen ġo qalbi dan il-faraġ kollu, żgur li kont inkun il-Ġenna!"

Biss qabel din l-esperjenza ta' ħlewwa tal-Ġenna nhar il-festa ta' San Ġużepp, Patri Piju, xahrejn qabel kien għadu kemm ġarrab attakk qawwi mill-Barbablu u sħabu xjaten.

Fl-Ittra li jikteb lill-istess Patri Wistin, wara li jirrakkontalu x'kien għamillu x-xitan u sħabu, jiġifieri li tefgħuh 'il barra mis-sodda u qagħdu jkaxkruh mal-kamra, jiktiblu hekk: "Iżda ma ġara xejn! Ġesù, Ommna l-għażiża, l-Anġlu ċ-ċkejken tiegħi, San Ġużepp u missierna San Franġisk, qegħdin, tista' tgħid, dejjem miegħi." Din l-Ittra ġġib id-data tat-18 ta' Jannar, 1912.

Id-devozzjoni ta' mħabba li Patri Piju kellu għal San Ġużepp, kien juriha fil-kwadri u santi li kien iħobb iżomm ta' dan il-Qaddis. Darba waqaf quddiem wieħed minn dawn il-kwadri ta' San Ġużepp qiegħed iżomm il-Bambin f'dirgħajh, u qal lil Ġesù: "Hekk sew, int isserraħ rasek fuq qalbu... u jien? ..."

Patri Onorat Marcucci, wieħed minn dawk li kienu jkunu dejjem ma' Patri Piju biex jgħinuh, kien iħobb jirrakkonta dan li ġej.

Darba waħda, wara nofsinhar, xahar qabel ma Padre Pio ħalla din id-dinja, kien fil-veranda ta' ħdejn il-kamra numru 1, qed jistenna lil Patri Piju joħroġ minn kamartu biex jgħinu jinżel is-sagristija għall-funzjoni ta' filgħaxija.

Kien il-jum tal-Erbgħa, jum iddedikat lil San Ġużepp. Hekk kif iddeċieda li jiċċaqlaq minn postu, qam dritt quddiem il-kwadru ta' San Ġużepp li kien mal-ħajt u deher f'estasi.



"Hekk sew, int isserraħ rasek fuq qalbu... u jien? ..."

Wara ftit, Patri Onorat qallu: "Padre, int se ddum hemm, ejja ħa mmorru, għax diġà qegħdin tard." U Patri Piju baqa' fejn kien bla ma wieġbu xejn, iħares fiss lejn il-kwadru tal-Qaddis.

Allura, Patri Onorat qabdu minn driegħu u reġa' qallu biex jimxu. Patri Piju beda jgħidlu: Ara! Ara! Kemm hu sabiħ San Ġużepp! Bit-tbatija qalgħu minn fejn kien, u rħewlha lejn is-sagristija. Kif waslu, is-sagristan staqsa dan x'kien li kienu tard, u Patri Onorat ifissirlu li Patri Piju bħallikieku ma setax jinqala' minn quddiem il-kwadru ta' San Ġużepp.

Din id-devozzjoni ma kienx iżommha għalih biss, imma kien jgħaddiha lil oħrajn li kienu jfittxuh billi jqassmilhom santi tal-Qaddis li fuq wara tagħhom kien jiktbilhom xi ħsieb spiritwali, bħal: "Il-Patrijarka San Ġużepp iħarsek bħalma ħares lil Ġesù: ħa jkun dejjem miegħek bil-patroċinju tiegħu u jeħilsek mill-persekuzzjoni tal-ħażin u l-kburi Erodi, u ma jippermetti qatt li Ġesù jitbiegħed minn qalbek."

Bħal San Ġużepp, Patri Piju kien iħossu missier spiritwali ta' tant ulied li Alla kien qiegħed jagħtih. Dan jidher f'dak li darba kiteb lil waħda mill-Ulied Spiritwali tiegħu: "Nitlob lil San Ġużepp li bħalma ħares b'tant imħabba u ġenerożità lil Ġesù, hekk jieħu ħsiebek, u bħalma hu ħarsu minn Erodi, hekk iħares lil ruħek minn Erodi, id-demonju!"

Lil Marija Gargani, waħda mill-Ulied Spiritwali tiegħu, li kienet talbitu jgħallimha kif għandha tagħmel il-meditazzjoni, iweġibha permezz ta' Ittra li ġġib id-data tas-16 ta' Settembru, 1916.

F'din l-Ittra hu jagħtiha metodu sempliċi li jekk kellha timxi fuqu kellha tasal għal dak li hi tixtieq tasal għalih, dak li tkun dejjem iżjed magħquda m'Alla u mar-rieda tiegħu.

Iħeġġiġha biex qabel ma tiġi fi tmiem tal-meditazzjoni, tagħmel l-offerta tagħha nnifisha, ta' dak li tkun immeditat, f'kelma waħda ta' kollox, u dan għandha tagħmlu "minn idejn l-imqaddsa Marija, l-Anġlu Kustodju tiegħek, San Ġużepp, u l-bqija".

Patri Piju kien jistieden lill-Ulied Spiritwali tiegħu biex ikollhom devozzjoni ta' veru lejn San Ġużepp. Kien iħobb itenni: "*Ite ad Joseph*! Morru għand Ġużeppi b'tama kbira, għaliex anki jien, bħal Santa Tereża ta' Ġesù, **ma niftakarx li qatt tlabt xi ħaġa lil San Ġużepp u ma qlajthiex malajr!"**

Ħa nagħmlu tagħna t-talba li kien jitlob il-Kapuċċin kuljum lill-Qalb ta' Ġesù biex jaqla' grazzji spiritwali u materjali għall-Ulied Spiritwali tiegħu, meta jgħid: San Ġużepp, Missier putattiv ta' Ġesù, itlob għalina.



HAJJA FRANĠISKANA Sr Josephine Xuereb, Madre Provinċjali SFCJ

# Il-Venerabbli Madre Margerita De Brincat

Kien il-21 ta' Jannar, jum ta' stennija u talb għas Sorijiet Franġiskani tal Qalb ta' Ġesù, meta bħal leħħa ta' berqa ġriet l-aħbar li l-Kardinali u l-Isqfijiet, li b'kollox kienu tmintax, approvaw b'mod unanimu l-virtujiet erojċi tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat. Kien l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Isqof Mario Grech li fuq wieħed mill-Mezzi tax-Xandir fil-5.25pm, iddikjara r-riżultat. Fil-5.30pm, id-Djoċesi t'Għawdex infexxet f'radd ta' ħajr lil Alla, b'mota mill-Parroċċi u l-knejjes indaqqet, b'ferħ liema bħalu għall-aħbar li bint mill-istess Djoċesi f'qasir żmien kienet ser tiġi ddikjarata Venerabbli. Għaddew biss sebat ijiem meta l-Papa Franġisku approva li jinħareġ id-digriet li bih issa Madre Margerita saret Venerabbli u tista' tingħata l-venerazzjoni mill-Pubbliku.

Min hi Madre Margerita? Madre Margerita, fis-seklu Virġinja De Brincat, twieldet fit-28 ta' Novembru 1862 ġewwa r-raħal ċkejken ta' Kerċem, Għawdex, lill-koppja Mikilanġlu u Katrina De Brincat li b'kollox kellhom ħdax-il wild. Kienet familja li tħaddan valuri Nsara b'saħħithom. Il-ġenituri tagħha mhux biss ħasbu għal trobbija tajba, b'valuri Nsara, iżda wkoll tawha edukazzjoni akkademika, saħansitra għallmuha l-lingwi tat-Taljan, l-Ingliż u l-Franċiż.

Sa minn ċkunitha, Virġinja kienet turi mħabba speċjali lejn Ġesù fl-Ewkaristija. Kull meta kienu jiltaqgħu n-nisa tar-raħal fuq iz-zuntier tal-knisja ċkejkna ta' Kerċem, biex jaħdmu l-bizzilla, Virġinja kienet toqgħod f'pożizzjoni li tħares in-naħa ta' fejn kien hemm it-tabernaklu. Wara t-tqarbin kienet tqatta' ħin fis-skiet għarkupptejha quddiem Ġesù Sagramentat.

Fl-1876, Virġinja għamlet il-vot tal-virġinità u fl-1877 inkitbet mal-Assoċjazzjoni tat-tnax-il Stilla tal-Qalb ta' Ġesù. Din l-Assoċjazzjoni kienet tħaddan fiha tnax-il xebba li kienu jinġabru fil-Knisja ta' Savina ġewwa r-Rabat, Għawdex, taħt it-tmexxija ta' Dun Ġużepp Diacono. L-iskop ta' din l-assoċjazzjoni kienet li tagħmel riparazzjoni għall-offiżi li kienet tirċievi l-Qalb ta' Ġesù. Kienet minn din l-Assoċjazzjoni li twieldet il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Fil-5 ta' Frar 1881, Virġinja saret membru tal-Kongregazzjoni li kienet għadha kemm qed tibda. Fl-20 ta' Frar tal-istess sena hija għamlet il-vestizzjoni reliġjuża u fis-17 t'Awwissu 1883 għamlet il-Professjoni Temporanja.

Sewwa jgħidu li *l-ġurnata minn filgħodu turik,* għax fil-15 t'Awwissu 1884, Dun Ġużepp Diacono



ħatar lil Virġinja De Brincat li issa kienet saret Suor Margerita tal-Qalb ta' Ġesù bħala segretarja tal-Kongregazzjoni. Hija għamlet il-Professjoni perpetwa f'riġlejn l-Isqof ta' dak iż-żmien Pietru Pace. Madre Margerita serviet il-Kongregazzjoni għal diversi snin bħala Superjura Ġenerali kif ukoll Superjura Lokali. Kienet hi li salvat il-Kongregazzjoni milli tisfaxxa fix-xejn. Dun Ġużepp Diacono beda jiffaċċja kriżi finanzjarja. Fil-mument li Dun Ġużepp iddeċieda li jxolji l-Kongregazzjoni u jibgħat lil kulħadd id-dar, Madre Margerita li kienet Superjura fid-Dar ta' B'kara, kienet qiegħda titlob f'riġlejn Ġesù Ewkaristija. Dak il-ħin ħasset ispirazzjoni biex titlaq malajr lejn Għawdex. Malli waslet sabet lil Dun Ġużepp flimkien mas-sorijiet lesti biex jitilqu. Madre Margerita talbet lil Dun Ġużepp biex bl-għajnuna t'Alla tieħu f'idejha t-tmexxija.

Madre Margerita kienet mara ta' karattru sod u ta' viżjoni kbira. Hija fetħet il-Kongregazzjoni 'l barra minn xtutna. Kienet hi stess l-ewwel missjunarja li fetħet id-Dar ta' Korfù. Ġewwa Għawdex kienet pijuniera fil-ħidma soċjali fejn kienet tiġbor it-tfajliet milli jiġġerrew fit-triq u tgħallimhom il-katekiżmu, l-iskola u l-bizzilla.




*Ċertifikat li Madre Margerita ġiet aċċettata fl-Assoċjazzjoni tal-Istilel*



*Madre Margerita tagħmel l-adorazzjoni fid-Dar tal-Adorazzjoni l-Belt*

Iżda fuq kollox Madre Margerita kienet mara spiritwali. Hija kellha mħabba kbira lejn il-Misteru tal-Inkarnazzjoni ta' Kristu, il-Misteru tat-Tbatija u l-Misteru tal-Ewkaristija. Hija kienet tħobb tikkontempla lil Ġesù f'Betlem, fuq il-kalvarju u fl-Ewkaristija. Kienet tqatta' ħinijiet twal fit-talb u l-kontemplazzjoni. Mhux l-ewwel darba li kienet tqum f'nofs ta' lejl u tmur iżżomm kumpanija lil Ġesù Ewkaristija fil-kappella. Quddiem iċ-ċirkustanzi diffiċli li kienet tiffaċċja, hija kienet tfittex is-soluzzjoni f'riġlejn Ġesù. L-akbar tbatija tagħha kienet li tara n-nuqqas ta' gratitudni tal-bniedem lejn Alla u kienet tħoss il-bżonn li hija tagħmel riparazzjoni għall-offiżi li Ġesù kien jirċievi. Hija kienet tħobb tikkontempla l-Qalb Ewkaristika ta' Ġesù, dik il-Qalb li tant ħabbet il-bnedmin u li baqgħet magħna fl-Ewkaristija. Ġesù li jinsab ħaj fl-Ewkaristija, bil-ġisem, bid-demm, bir-ruħ u bid-divinità, la hemm ġisem hemm qalb mimlija mħabba għall-bnedmin. Hija mhux biss riedet tirripara għall-offiżi li din il-qalb kienet tirċievi imma riedet fuq kollox li tagħmilha magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien. L-għajta ta' Madre Margerita kienet *"Inħobbu l-Imħabba"*. Hija kienet qed tirreferi għal dak li San Ġwann l-Evanġelista kiteb fil-Vanġelu u fl-Ittri tiegħu, Alla huwa mħabba. Madre Margerita kellha ġenn biex din l-imħabba t'Alla titpatta lura bl-imħabba u mhux bl-ingratitudni.

Madre Margerita kienet mara ta' Fidi kbira. Il-ħajja tagħha kienet iddur kontinwament fuq Alla. Alla kien il-kollox tagħha. Hija spiss kienet tħeġġeġ lis-sorijiet sabiex ifittxu dejjem il-kumpanija ta' Ġesù Ewkaristija



*Preżentazzjoni tax-xogħol kollu miġbur fil-Proċess Djoċesan Frar 2000*

u mingħandu jġibu l-qawwa u l-għajnuna li jkunu jeħtieġu. Tant kienet tixxennaq għal Ġesù li kienet tixtieq li anke sħabha s-sorijiet jiddakkru minnha. Kienet tinsisti biex jitnikkru ħdejn Ġesù u li jitpaxxew fil-preżenza tiegħu. Il-fidi tagħha fl-għajnuna ta' Ġesù kienet tispikka meta quddiem is-saram tal-ħajja kienet tiġri lejn il-kappella għax kienet temmen li Alla għandu s-soluzzjoni għal kull problema li kienet tinqala'.

Minn dan naraw ukoll li Madre Margerita kienet persuna Ewkaristika. Insibu li kienet tagħmel minn kollox biex mix-Xagħra fejn kienet meta kibret, kienet tagħmel minn kollox biex nhar ta' Ħamis u l-ewwel ġimgħa tax-xahar tara kif tagħmel biex titla' l-Casa Madre ġewwa r-Rabat biex tagħmel kumpanija lil Ġesù Ewkaristija li kien ikun espost il-ġurnata kollha. Sr Dimitria, li mietet tliet snin ilu, tirrakkonta li meta kienet għadha xebba, mhux l-ewwel darba li kienet ittellagħha fuq il-ħmara mix-Xagħra għar-Rabat. Meta kienet fid-Dar tal-Adorazzjoni l-Belt, Dar li ħadmet qatigħ biex nakkwistawha, kienet toqgħod għassa biex jekk is-soru li kien imissha tidħol tadura lil Ġesù ma tkunx pronta mat-tokk tal-qanpiena, kienet tidħol tiġri hi u hekk takkwista nofsiegħa oħra qrib Ġesù Ewkaristija.

F'Madre Margerita kien jispikka l-ispirtu t'umiltà u t'abbandun f'idejn il-Providenza Divina. Hija kienet kapaċi tintelaq f'idejn Alla u minnu tistenna l-għajnuna li kienet teħtieġ. Fil-bidu kellha tiffaċċja l-problemi finanzjarji li kienu kbar ħafna. Kien hemm mumenti fejn lanqas kien ikollhom x'jieklu u Madre Margerita kienet tmur tħabbat fuq il-bieba tat-Tabernaklu titlob lil Ġesù biex jipprovdilhom dak li jeħtieġu. Saħansitra jirrakkontaw li darba fost l-oħrajn meta kienet fid-Dar tal-Adorazzjoni kellu jiġi negozjant biex jitħallas u hi ma kellhiex x'tagħtih. Hija qabbdet żewġ sorijiet joħorġu fit-triq biex jittallbu u mal-ewwel raġel li sabu tahom offerta li kienet is-somma eżatta li l-Madre kellha tħallas. Bħal dawn hemm diversi rakkonti u li fihom tispikka t-telqa li l-Madre kellha f'idejn Alla.

Madre Margerita kienet l-ewwel missjunarja li marret taħdem qalb il-Maltin ġewwa Korfù. Kien żmien diffiċli u l-istorja tgħid li

l-ewwel lejl ma kellhomx fejn jorqdu u raqdu jserrħu mal-ħajt taċ-ċimiterju.

Kienet mara kuraġġuża li fi żmien il-gwerra vvjaġġat fuq *convoy* mas-suldati. Kienet mara li qatt ma beżgħet mis-sagrifiċċju għax kull bidu għandu l-iebes tiegħu. Madre Margerita kienet dik li qajmet fuq saqajha l-Kongregazzjoni u ġabitha 'l quddiem.

Hija ħalliet din il-ħajja fit-22 ta' Jannar 1952, wara sensiela ta' attakki tal-qalb. Hija mietet b'fama ta' qdusija. L-aħħar lejl għaddietu tħabbat mal-ħajt fejn kellha s-sodda li



*Jannar 2000 - Għeluq tal-Proċess fuq livell Djoċesan*

kien jagħti għall-Kor, fejn kien hemm Ġesù fit-Tabernaklu, donnha qed tistiednu jiġi għaliha. Hija mietet imdawra mis-sorijiet li tant kienu jħobbuha, u mietet b'fama ta' qdusija.

Illum, Madre Margerita tinsab fil-proċess lejn il-Beatifikazzjoni. Kien fl-4 ta' Lulju meta nfetaħ b'mod uffiċjali l-Proċess fuq livell Djoċesan, mill-mibki Monsinjur Isqof Nikol Cauchi, fis-Santwarju ta' Pinu ġewwa l-Għarb, Għawdex. Imbagħad bdew jinstemgħu x-xhieda ta' diversi sorijiet li kienu jafuha mill-qrib kif ukoll min-nies li kienu jafuha u li dawn jammontaw mal-85 xhieda. Fit-22 ta' Jannar tas-sena 2000 ġie magħluq uffiċjalment il-proċess fuq livell Djoċesan mill-istess Isqof ġewwa s-Santwarju ta' Pinu. Fis-17 ta' Frar 2000 il-materjal miġbur ġie ppreżentat lill-Kongregazzjoni tal-kawżi tal-Qaddisin ġewwa Ruma. Fl-4 ta' Marzu 2004 ġie ppreżentat uffiċjalment il-Positio lill-istess Kongregazzjoni. Fit-18 t'April 2013, il-konsulturi Teologi tal-Kongregazzjoni tal-Kawża tal-Qaddisin, li kienu disgħa, wara żmien ta' studju fuq il-ħajja u l-virtujiet tagħha, ilkoll taw vot pożittiv dwar il-virtujiet erojċi tagħha. L-aħħar pass kien tal-21 ta' Jannar 2014, fejn il-Kardinali u l-Isqfijiet ivvutaw ilkoll fil-pożittiv u fis-27 ta' Jannar 2014, il-Papa Franġisku approva d-digriet li bih issa tibda tissejjaħ Venerabbli u titqiegħed għall-qima tal-Insara.

Issa huwa l-mument fejn nitolbu biex iseħħu mirakli bl-interċessjoni ta' din il-Venerabbli, ħalli ma ndumux ma naraw lil Madre Margerita fost il-Beati. Kienu diversi dawk il-koppji li xtaqu li jkollhom tarbija u talbu bl-interċessjoni tagħha u qalgħu din il-grazzja u diversi grazzji oħrajn anke ta' mard. (Min jaqla' xi grazzja għandu jikkuntattja lil Sr Josephine Xuereb, Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, Betanja, Triq Beatu Nazju Falzon, L-Imsida, Tel. 21319313 jew Sr Francesca Abela, Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, Casa Madre, Triq Palma, Rabat, Għawdex.)

"...fis-27 ta' Jannar 2014, il-Papa Franġisku approva d-digriet li bih issa tibda tissejjaħ Venerabbli."

INNU LIL MADRE MARGERITA
Kav. Joe M. Attard
(biex jitkanta mit-tfal tal-iskejjel)

# Ma Jdumx Ma Jarak Beata

Hawn inġbarna llum ferħana
sabiex hienja lkoll infakkru
'l Margerita l-Fundatriċi
u dlonk lilha annuna nfaħħru.

Nitolbuha għalina tidħol
mis-Smewwiet fejn żgur tinsab
tgawdi lill-Fqajjar t'Assisi
illi lilha dejjem ħabb!

Aħna t-tfal ta' din l-iskola
kemm ninsabu mkabbrin
denji wlied ta' Margerita
tagħha xhieda aħna kull ħin.

Sittin sena għaddew minn mewtha
iżda isimha jibqa' ħaj
fil-kunventi u monasteri
sejf u tarka kontra l-ġwaj.

Margerita, l-ulied tiegħek
tferrxu mal-erbat irjieħ
u lil ismek komplew jgħollu
fost il-ġnus tawh l-aqwa ġieħ.

Għawdex tagħna qed jistenna
ma jdumx ma jarak Beata!
kompli irfed l-ulied tiegħek
b'fidi soda daqs ta' blata.

U lilna t-tfal iċ-ċkejkna
kompli iġbed dejjem lejk
sabiex wara din il-ħajja
ġewwa l-Ġenna niġu ħdejk.

*Ref:* Margerita, Margerita,
aħna wliedek inħobbuk
u sakemm indumu ħajja
qalbna kollha rridu ntuk.



FRANĠISKANEŻMU Fr Ivan Scicluna OFMCap

# Ġieli Titlef Il-Paċenzja?

## San Franġisk Għandu Xi Jgħidlek ...

Fl-artiklu tax-xahar li għadda rajna kif il-bniedem umli huwa dak li jaċċetta l-fatt li hu dgħajjef u ċkejken, f'paragun ma' Alla li huwa, fi kliem San Franġisk, "l-Aktar Għoli u Glorjuż". Il-qaddis Umbrijan kien jaf li biex wieħed jaċċetta d-dgħufija, iċ-ċokon u l-limiti tiegħu nnifsu jeħtieġ sabar kbir. M'hemmx progress fl-umiltà mingħajr doża qawwija ta' paċenzja. Fil-kitbiet tiegħu, San Franġisk spiss jorbot dawn iż-żewġ virtujiet flimkien. Għalih, l-umiltà u l-paċenzja huma bħal koppja li ma tafx b'divorzju! Hekk, pereżempju, fit-Twissija 13 narawh isemmi għal darba, darbtejn din il-koppja ta' virtujiet: "Ma jistax ikun jaf **x'sabar u x'umiltà** għandu l-qaddej ta' Alla sakemm kollox imurlu ħarir. Imma meta jasal dak il-waqt li fih dawk li suppost jikkuntentawh joħolqulu l-inkwiet, għandu tant **sabar u umiltà** daqskemm juri f'dak il-ħin u mhux iktar minn daqshekk." Se nippruvaw nidħlu ftit fil-fond ta' din it-twissija mill-iktar prattika, bit-tama li nitħajru nintegraw aħjar dawn iż-żewġ virtujiet fil-mixja spiritwali tagħna.

San Franġisk kellu habta jitkellem minn koppji ta' virtujiet għax, fil-ħsieb tiegħu, waħda tispjega aħjar lill-oħra u tagħmilha iktar konkreta. Pereżempju, meta jitkellem mill-**faqar** Franġisku ma jonqosx li jorbot din il-virtù evanġelika ma' dik tal-**umiltà**. Għalih, il-faqar minn barra m'għandux sens u jispiċċa jsir għajn ta' kburija jekk ma jkunx imlibbes bil-libsa tal-umiltà. Hekk ġralhom l-ewwel Franġiskani: bdew jiġġieldu bejniethom u jiġġudikaw lil xulxin dwar min kien qed jgħix il-faqar l-iżjed. Stinkaw biex ikunu fqar waqt li, inkiss inkiss injoraw il-virtù tal-umiltà (jew minorità), dak li Patri Làzaro Iriarte sejjaħlu, "l-isforz impossibbli ... biex 'ikunu fqar' mingħajr ma kellhom il-kuraġġ li 'jkunu minuri' (jew umli)." Min-naħa l-oħra, mingħajr il-konkretezza tal-faqar esterjuri, l-umiltà ta' dak li jkun ma tkunx ġenwina u tirriduċi ruħha għal sentimentaliżmu frivolu.

Kif turina t-Twissija 13, San Franġisk ma jorbotx biss l-umiltà mal-faqar imma wkoll mal-paċenzja. Il-koppja umiltà–paċenzja tixref kemm f'siltiet fejn Franġisku jitkellem mill-paċenzja li għandna nuru lejn il-proxxmu tagħna, kif ukoll f'testi li jithaddtu dwar is-sabar li għandu jkollna quddiem ir-realtà tal-mard u t-tbatija. Pereżempju, waqt li jħajjar lis-superjuri biex qatt ma jiskandalizzaw ruħhom b'xi dnub ta' ħaddieħor, Franġisku jwissi: "U m'għandux jitlagħlu għal ħuh minħabba xi dnub li jkun għamel, imma għandu jwissih u jgħinu bis-**sabar** u bl-**umiltà** kollha." (*Ittra lill-Insara II*, 44) Fl-għaxar kapitlu tar-*Regola Bullata*, Franġisku jeżorta lill-patrijiet biex "jitolbu dejjem b'qalb



safja, li jkollhom l-**umiltà** u s-**sabar** fil-persekuzzjoni u fil-mard; u jħobbu lil dawk li jippersegwitawhom u jċanfruhom u jgħidu l-gideb fuqhom." Il-quċċata tar-rabta bejn l-umiltà u l-paċenzja tintlaħaq fid-dittiku mnaqqax fit-Twissija 27 li jgħid hekk: "Fejn hemm is-**sabar** u l-**umiltà**, ma hemm la korla u lanqas inkwiet." Mhux li kien! Il-fatt li din il-koppja ta' virtujiet tixref ta' spiss fil-kitbiet tal-Fqajjar t'Assisi, jurina li l-ewwel aħwa ma kinux sajmin minn atteġġjamenti li juru nuqqas ta' sabar u umiltà. Dan għandu jqawwilna qalbna u jagħmlilna kuraġġ meta nsibu rwieħna mxekklin mis-suppervja tagħna u mit-tendenza biex nitilfu l-paċenzja!

Fit-Twissija 13 nilmħu distinzjoni fina u ċara bejn il-paċenzja falza u l-paċenzja vera. "Ma jistax ikun jaf x'sabar u x'umiltà għandu l-qaddej ta' Alla sakemm kollox imurlu ħarir." Meta kollox jiġina tajjeb, meta nirċievu l-'grazzi' u l-'prosit', faċli nidhru paċenzjużi. Imma dawn is-sitwazzjonijiet mhumiex it-termometru tal-vera paċenzja! Meta jkollna r-riħ fil-qala' (li huwa iktar pjaċevoli mill-maltemp!) nistgħu nidhru sereni u trankwilli l-ġurnata kollha imma qajla nkunu għamilna pass 'il quddiem fil-virtù tal-paċenzja. Il-kalma li nkunu qed nittrażmettu tkun tappartjeni għal-livell uman jew naturali bla ma tfisser ċentimetru progress fis-sabar bħala virtù.



## "**Imma** meta jasal dak il-waqt ..."

Dik l-"imma" turi qabża fit-Twissija u tindika l-passaġġ mill-paċenzja apparenti għall-paċenzja vera. Hawnhekk il-kuntest mhuwiex sempliċiment wieħed ta' mard jew ta' xi sfortuna li tittestja l-paċenzja tagħna, imma iktar minn hekk: ta' delużjoni. "Dawk li suppost jikkuntentawh joħolqulu l-inkwiet." F'dan il-każ, l-offiża hija wisq ikbar! Biżżejjed naħsbu fl-uġigħ tal-ġenituri minħabba l-ingratitudni ta' wliedhom jew fid-delużjoni ta' min jinduna li ħabibu stess kien qed jagħwi t-tfajla tiegħu kontrih minn wara dahru. Dan hu l-mument tal-verità biex inkejlu l-paċenzja tagħna: skont kemm nuruha f'dawn il-mumenti iebsa u qarsa, bla ma nħallu ċ-ċinga taqbżilna u nitilfu l-qaleb u l-ġbejna, imma nissaportu lill-ieħor u ma nerfgħuhilux fil-komma, daqshekk aħna umli u paċenzjużi "u mhux iktar minn hekk". Minn dan jidher biċ-ċar li mhu xejn faċli tkun paċenzjuż fil-veru sens tal-kelma. Bil-ħila tagħna biss ma jirexxilniex. Neħtieġu l-grazzja ta' Alla li tqawwina u tixprunana biex nissaportu kull delużjoni bla ma nħalluha tgħaffiġna.

Il-meditazzjoni spissa tas-sabar ta' Kristu tul il-Passjoni ħarxa tiegħu, kienet iċ-ċavetta li fetħet għal San Franġisk l-għejun tal-grazzja biex felaħ jistabar bil-kuntrarjetà li kellu jaffaċċja minn ħutu l-patrijiet stess u bit-tbatijiet fiżiċi u interjuri li ħakmuh fl-aħħar snin ta' ħajtu. Hekk, imsieħeb ma' Kristu fis-sofferenzi tiegħu, Franġisku tgħallem minn Alla nnifsu l-vera paċenzja. Kien għalhekk li fil-litanija ta' titli ta' tifħir li jagħti lil Alla jesklama:

> "Int umiltà,
> int sabar."
>
> *Tifħir lil Alla l-Għoli, 4*

Mur u agħmel hekk int ukoll!



RELIĠJON U KULTURA Joseph C. Camilleri

# MARZU – Ix-Xahar ta' San Ġużepp
# Statwi Ewlenin Ġużeppini

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp fost il-poplu Malti hija qawwija u mxerrda mal-erba' irjiħat ta' dan l-arċipiergu. Tant li bosta knejjes għandhom statwa ta' dan il-qaddis. L-istatwa Ġużeppina li tinsab fl-Oratorju ta' San Ġużepp Inkurunat, fir-Rabat ta' Malta, hija l-eqdem statwa li għandha Malta. Tant hu hekk li din l-istatwa hija magħrufa bħala San Ġużepp ix-Xiħ għalkemm miċ-ċerimonja tal-inkurunazzjoni din saret magħrufa wkoll, l-aktar fost l-Għawdxin bħala San Ġużepp Inkurunat. Hija ħaġa impossibbli li wieħed jara kull statwa Ġużeppina u għalhekk għażlit xi ftit minnhom.

### BIRKIRKARA
F'din il-lokalità hemm tliet parroċċi u waħda minnhom hija ddedikata lil San Ġużepp Ħaddiem. L-ewwel festa Ġużeppina li saret f'din il-parroċċa kienet dik tas-sena 1971. Mal-ewwel inħasset il-ħtieġa ta' statwa titulari u għalhekk il-kappillan Dun Karm Aquilina u n-nies ta' madwaru marru għand il-pittur E.V. Cremona biex iħejji xi disinji ta' vara sempliċi. Id-ditta Vincenzo Moroder ta' Bolzano (l-Italja) ħadmet l-istatwa fl-injam. Din qamet Lm500. L-istatwa ġiet imbierka fis-6 ta' Ġunju 1972.

### IL-KALKARA
F'din il-lokalità hemm ukoll parroċċa ddedikata lil San Ġużepp. L-istatwa titulari hija tal-injam u ġiet maħduma mill-iskultur Ferdinando Stuflesser ta' Ortisei Bolzano. Meta waslet f'Malta, l-istatwa ttieħdet fil-knisja ta' Santa Tereża ta' Bormla u minn hemm inġiebet proċessjonalment sal-knisja parrokkjali tal-Kalkara. Matul iż-żmien, lil din l-istatwa sarilha xi xogħol ta' skultura, induratura u tiżjin.



### L-IMSIDA
Fil-knisja parrokkjali hemm ukoll statwa titulari. Din saret minn Luigi Guacci minn Lecce (l-Italja). Din hija tal-kartapesta waqt l-uċuħ taż-żewġ figuri huma tat-terrakotta. Fl-1894 ġew maħduma fil-fidda d-dijademi u l-bastun. Dawn saru minn Antonio Padovani Ginies. Fis-sena 1916 l-istatwa reġgħet ġiet miżbugħa u sarilha xi tiżjin. Dawn ix-xogħlijiet saru minn Francesco Coleiro mill-Belt Valletta. L-istess persuna għamlet fis-sena 1935 ix-xogħol tal-iżgraffar u l-induratura. Minn żmien għal ieħor saru xi xogħlijiet ta' restwar fuq din l-istatwa. L-aħħar xogħol fuqha sar minn Michael Camilleri Cauchi fis-sena 1991. Ma nafux min għamel il-pedestall tond li hemm taħt il-figura Ġużeppina.

### IL-QALA
Fis-sena 1890 daħlet f'din il-lokalità l-festa ta' San Ġużepp. Fl-istess sena ġabu l-istatwa Ġużeppina. Din l-istatwa titulari saret mill-kartapesta u saret fi Franza mid-ditta ta' Gallard et Fils. Fis-sena 1917 sar il-pedestall li qam Lm34. Il-flus tiegħu ħariġhom il-poplu tal-Qala. Sena wara l-istatwa ġiet modifikata minn Wistin Camilleri waqt li Tumas Briffa għamel fuqha x-xogħol tal-indurata. Erbgħin sena wara saru l-erba' važuni tal-fidda li jdawru l-istatwa. Dawn saru mid-ditta Francis Cassar & Sons.

### ĦAL GĦAXAQ
F'din il-lokalità hemm każin iddedikat lil dan il-qaddis u kull sena ssir festa sekondarja. L-istatwa Ġużeppina saret mill-kartapesta u nġiebet mill-Italja fis-sena 1930. Din saret fuq l-inizjattiva ta' Gregory Scicluna li kien iħabbat bieb bieb biex jiġbor għaliha. Fis-sena 1932 ġiet



indurata u 12-il sena wara Rafel Bonnici Calì rranġa l-karnaġġjon u l-għajnejn tal-figura ta' San Ġużepp. Dan ix-xogħol sar biex iż-żewġ għajnejn San Ġużepp iħarsu lejn it-tfajjel Ġesù.

### IL-ĦAMRUN



Meta kienu qed jibnu l-knisja parrokkjali kien hemm il-ħsieb li tiġi ddedikata lil San Ġużepp, tant li l-istatwa Ġużeppina hija eqdem mill-istatwa titulari ta' San Gejtanu. L-istatwa ta' San Ġużepp saret fis-sena 1873. Saret minn Ġlormu Darmanin. Il-pedestall sar fl-1878, minn Paolo Schembri u qam 30 skud.

### ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Fis-sena 1869 riedu statwa Ġużeppina. Din hija l-istatwa sekondarja ta' din il-parroċċa qadima u storika. Saret minn Ġlormu Darmanin u kienet lesta sena wara. Hemm għajdut fost il-Ġużeppini ta' din il-lokalità li din kienet l-ewwel statwa li kellha l-figura ta' Ġesù Bambin rieqed f'idejn San Ġużepp. L-istatwa qamet Lm25. Maż-żmien għamlulha pedestall u ġilju tal-fidda li qamu xi Lm34.



### IR-RABAT (MALTA)

Fl-Oratorju ta' San Ġużepp Inkurunat u fil-knisja tal-Patrijiet ta' Ġieżu hemm żewġ statwi Ġużeppini, waqt f'wieħed mill-kuruturi hemm statwa oħra. L-istatwa tal-Oratorju kienet aktarx pulena u kienet rigal tal-ewwel Gran Mastru ta' Malta. Xi wħud huma tal-fehma li din il-figura kienet San Ġakbu u kienu l-kavallieri li dawruha fi statwa ta' San Ġużepp. Fis-sena 1963 din l-istatwa ġiet inkurunata mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fuq il-Fosos tal-Furjana. Waslet ir-Rabat fuq trakk akkumpanjata minn grupp ġmielu ta' karozzi. Wassluha biss għall-knisja ta' San Mark tar-Rabat u minn hemm ħaduha fuq l-ispalel għall-knisja ta' Ġieżu. Din l-istatwa kienet tinħareġ fi żminijiet diffiċli bħal nuqqas ta' xita jew xi theżżiża ta' terrimot. Ħaduha wkoll fuq il-Fosos tal-Furjana għall-ewwel festa ta' San Ġużepp Ħaddiem li saret f'Malta. Il-bastun tagħha kien ittieħed mill-familjari fid-dar ta' persuna marida gravament, għalhekk kienu jemmnu li San Ġużepp kien mirakoluż. Meta kienu joħorġuha minħabba n-nuqqas tax-xita kienu jieħdu magħhom kowt qisu kabozza għaliex kienu jemmnu li x-xita kienet tibda waqt il-purċissjoni.



L-istatwa ewlenija Ġużeppina saret mid-ditta Gallard et Fils ta' Marsilja (Franza) fis-sena 1890. Kienet mogħtija minn Monsinjur Paolo Pullicino li għamel żmien direttur tal-Edukazzjoni. Dan seħħ għaliex il-monsinjur iddeċieda li hija kbira wisq għalih u tal-fratelli tal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Saret fuq disinn ta' Luigi Fontana. Fis-sena 1890 ġiet imbierka fil-Belt Valletta mill-Pirjol tal-knisja ta' Ġieżu u meħuda r-Rabat. Erbgħin sena wara l-istatwa ġiet żgraffita minn Ġuzeppi Farrugia u mżejna minn Mikiel Fsadni. L-aħħar restawrazzjoni fuqha saret minn Horace Farrugia fis-sena 1987. Il-pedestall hu tal-fidda u sar minn Tarcisio Cassar miż-Żejtun.

L-istatwa ta' qabilha kienet inxtrat għal sitt skudi mingħand il-fratellanza ta' San Ġużepp tal-Karmnu l-Belt Valletta. Saret fl-1700 u hija tal-kartapesta.



40 SENA TA' PREŻENZA FIL-KENJA Intervista minn Fr Philip Cutajar OFMCap

# Niltaqgħu ma' Mons. Joseph Alessandro OFMCap

## Isqof koadjatur ta' Garissa

**Kemm ilek missjunarju fil-Kenja u kif ħassejtek imsejjaħ biex tidħol għal din il-ħidma fil-Knisja?**
Qabelxejn nixtieq nirringrazzjak, Fr Philip, ta' din l-opportunità li l-bord tar-rivista Dawl Franġiskan qiegħed jagħtini biex naqsam mal-qarrejja xi ftit mill-esperjenzi tiegħi fil-missjoni fil-Kenja. Nibda biex ngħid li jiena ġejt darbtejn fil-Kenja bħala missjunarju.

L-ewwel darba li ġejt kien f'Novembru tal-1989. Dik id-darba mort mill-ewwel f'Garissa fejn ingħaqadt ma' missjunarji oħra Maltin f'Garissa, fosthom l-Isqof Paul Darmanin, P. Silvestru Bonavia li kien il-kappillan tal-katidral, P. Ġwakkin Mercieca li kien responsabbli mill-*outstation* ta' Madogo u Mororo u P. Manwel Micallef li kien jieħu ħsieb dawk li kien għadhom fl-ewwel snin tal-formazzjoni tagħhom. Kien hemm ukoll xi voluntiera lajċi Maltin mibgħutin mill-VLM (Voluntary Lay Missionaries).

It-tieni darba li erġajt mort il-Kenja bħala missjunarju kien f'Awwissu tal-2010. Anki din id-darba kont assenjat għal Garissa biex inkun ta' għajnuna lill-Isqof Paul Darmanin. Hemm sibt ukoll lil Br John Cassar li kien ilu bħala missjunarju l-Kenja mill-1993.

Bejn dawn iż-żewġ wasliet fil-Kenja, kelli l-opportunità li nżur il-missjunarji tagħna minn Malta kemm bħala s-Segretarju Provinċjali tal-Missjoni għal sitt snin kif ukoll u wisq iżjed matul is-sitt snin li għamilt bħala Provinċjal.

Il-ġibda jew il-ħajra li naħdem f'art tal-missjoni kienet fija diġà qabel ma dħalt mal-Kapuċċini. Niftakar li kelli ziju, P. Vitorin Alessandro, Franġiskan Minuri, li jiġi ħu missieri, li meta kont għadni tifel kien missjunarju fiċ-Ċina għal għoxrin sena u mbagħad fil-Gwatemala. Il-ftit drabi li kien jiġi Malta kont nammirah u minn hemm nibtet ix-xrara li xi darba mmur il-missjoni. Hekk kif qaddist u temmejt l-istudji tiegħi f'Ruma fl-1974, il-Provinċja tagħna ta' Malta ħadet l-impenn tal-missjoni fil-Kenja.

Meta bdejt nara lil sħabi, anki iżgħar minni sejrin lejn il-Kenja, l-idea li mmur il-missjoni kompliet timmatura iżjed fija. Ma mortx qabel minħabba d-diversi impenji li kelli fil-Provinċja, u forsi għax kienet għadha mhix ir-rieda ta' Alla.

**Matul dawn is-snin li ilek bħala missjunarju fil-Kenja x'kienu l-ħidmiet prinċipali ta' evanġelizzazzjoni (kemm fuq livell pastorali kif ukoll soċjali) li wettaqt?**
L-ewwel ħidma tiegħi fil-Kenja kienet filli nieħu ħsieb tal-Boys' Town li d-Djoċesi kellha f'Garissa dak iż-żmien. Dan il-Boys' Town kien imwaqqaf mill-missjunarji tal-Consolata li kienu qabilna fil-Kenja, u l-għan tiegħu kien li jieħu ħsieb it-tfal subien orfni li, minħabba ġlied li kien hemm, tilfu l-ġenituri tagħhom. Dan iċ-ċentru kien jieħu ħsieb il-ħtiġijiet ta' dawn it-tfal kemm billi jipprovdilhom fejn jorqdu, fejn jitgħallmu, x'jieklu u l-kura medika meta kien ikun hemm il-bżonn. Meta wasalt jiena Garissa, dawn it-tfal ma kinux kollha orfni, iżda kollha kienu ġejjin minn familji fqar ħafna. Fit-tmexxija ta' dan iċ-ċentru kien hemm il-voluntiera lajċi minn Malta li kienu jagħtu daqqa ta' id sewwa fit-tmexxija tiegħu.

Flimkien ma' din ir-responsabbiltà kont ngħin lis-Sisters il-programm li kellhom għall-ommijiet bit-tfal żgħar u fit-tqassim tal-ikel, l-aktar fi żminijiet ta' nixfa.

Pastoralment kont ngħin lill-kappillan P. Silvestru fil-quddies fil-katidral, f'Madogo u anki fi skejjel sekondarji u kulleġġi fejn kien hemm numru ta' studenti Kattoliċi fost il-maġġoranza Musulmani. Meta P. Ġwakkin mar f'parroċċa oħra ta' Mpeketoni, dħalt minfloku nieħu r-responsabbiltà tal-*outstation* ta' Madogo u Mororo.

Wara tliet snin naħdem f'Garissa, l-Aħwa missjunarji tawni r-responsabbiltà li nkun is-Superjur Regolari tal-Kustodja tal-Kenja. Għaldaqstant kelli nitlaq minn Garissa u mmur Nairobi biex minn hemm inkun

nista' naqdi aħjar il-ministeru ġdid tiegħi u nżur lill-missjunarji fil-postijiet fejn kienu jaħdmu. Dan ix-xogħol ma tantx domt nagħmlu għax wara sena li kont ili f'din il-ħidma, ġurnata minnhom, waqt li kont qed nivvjaġġa lura minn waħda mid-Djar tal-Formazzjoni tagħna ta' Umoja fil-parroċċa ta' Mpeketoni, fejn kont għadni kemm ilqajt erba' żgħażagħ biex jibdew bħal Postulanti għall-ħajja tagħna, fit-triq iltqajna mal-ħallelin armati li waqqfuna u sparaw fuq il-karozza u laqtuni f'ġenbi. Minn dak il-mument, f'ħakka ta' għajn, il-ħajja tiegħi bħala missjunarju nbidlet mil-lejl għan-nhar. Kelli nitlaq mill-Kenja għal aktar kura medika fi sptar f'Londra, grazzi għall-intervent u l-għajnuna ta' Prof. John Rizzo Naudi li dak iż-żmien kien il-Ministru tas-saħħa u li kien żar il-missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja aktar minn darba.

Iż-żmien ta' kura u ta' konvalexxenza kien daqsxejn twil. Wara li ħassejtni ġej lura għat-tajjeb, is-superjuri tawni xi responsabbiltajiet fil-provinċja f'Malta, fosthom bħala Segretarju tal-Provinċjal, bħala Segretarju fl-Uffiċċju tal-Missjoni u bħala Provinċjal. Hekk kif temmejt il-ministeru tiegħi bħala Povinċjal ħassejt li għandi nitlob biex nerġa' mmur lura fil-missjoni fil-Kenja.

Kien hawn li għat-tieni darba erġajt mort il-Kenja bħala missjunarju. Din id-darba sibt ruħi viċin ħafna tal-Isqof Mons. Paul Darmanin. Wara xi sena talabni ngħinu bħala Vigarju Ġenerali fid-Djoċesi ta' Garissa u fid-29 ta' Ġunju 2012, solennità tal-Appostli San Pietru u San Pawlu, ħarġet in-nomina tiegħi bħala Isqof Koadjutur ta' Garissa, u tliet xhur wara, fid-29 ta' Settembru, Festa tal-Arkanġli Gabriel, Rafel u Mikiel, ġejt ordnat Isqof fil-Konkatidral ta' San Ġwann, Malta mill-Kardinal Arċisqof ta' Nairobi, John Njue, assistit mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Paul Cremona u l-Isqof ta' Garissa, Mons. Paul Darmanin.



**Għidtilna li inti fil-preżent qed taqdi l-ministeru ta' Isqof. Fiex jikkonsisti eżattament li tkun Isqof f'art missjunarja bħalma hija l-Kenja?**

Il-ħidma ta' kull isqof hija li jgħallem, iqaddes u jmexxi. Iżda, qabel u waqt li jkun qed iwettaq dawn id-dmirijiet tiegħu, l-isqof irid ikompli jitgħallem billi jkun midħla tal-Kelma ta' Alla u tat-tagħlim tal-Knisja biex b'hekk ikun jista' jwassal dan it-tagħlim lill-poplu afdat f'idejh; irid ikompli jitqaddes huwa nnifsu permezz ta' ħajja aktar marbuta ma' Alla fit-talb, fis-sagramenti u fis-sagrifiċċji u l-isfidi li jiltaqa' magħhom biex b'hekk imbagħad ikun jista' jqaddes lill-oħrajn; u jrid jitgħallem jobdi u jservi bl-umiltà kollha biex it-tmexxija tiegħu tkun tmexxija ta' missier tassew li jħobb lil uliedu, l-aktar dawk fi ħtieġa ta' għajnuna spiritwali u materjali, u jkun lest li jagħmel kull sagrifiċċju għalihom u jaħslilhom saqajhom.

Isqof il-missjoni għandu aktar responsabbiltà peress li jkun ħafna aktar qrib tan-nies li fil-maġġoranza tagħhom għandhom il-bżonn tal-isqof li jitlob għalihom, jgħallimhom, iqaddishom u jmexxihom. Fl-istess ħin, **il-missjoni toffri aktar opportunitajiet lill-isqof biex iwettaq dan il-ministeru ta' qadi u servizz.**

Minn meta ġejt ordnat Isqof Koadjutur, l-Isqof Paul Darmanin tani ħafna spazju fejn stajt neżerċita l-ministeru tiegħi ta' isqof. S'issa diġà kelli tliet okkażjonijiet fejn amministrajt il-Griżma tal-Isqof fi tliet parroċċi differenti tad-Djoċesi, mexxejt funzjonijiet liturġiċi fil-katidral speċjalment fis-solennitajiet bħalma huma ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa, il-Milied, l-Ewwel Tqarbina u ċelebrazzjonijiet oħra fid-diversi parroċċi bħalma hija l-Festa tal-Familja.

**X'inhu l-motto li inti għażilt għalik bħala Isqof u xi jfisser dan kemm għalik kif ukoll għad-Djoċesi?**

Bħal kull isqof ieħor, anki jiena kelli nagħżel il-motto tiegħi. Il-motto jfisser fuqiex l-isqof ikun irid jimxi hu, u anki x'jipproponi lin-nies fuqiex jimxu. Jiena xtaqt nagħżel frażi mill-Iskrittura marbuta anki mal-figura tal-Verġni Marija, kemm bħala iben Franġisku li kellu devozzjoni u qima kbira lejn il-Madonna kif ukoll peress li l-katidral u d-Djoċesi ta' Garissa huma taħt il-ħarsien tal-Verġni Marija tal-Consolata. Allura għażilt il-kliem ta' Marija li qalet fit-tieġ ta' Kana lill-qaddejja: "Agħmlu dak kollu li jgħidilkom Hu."

Dan il-kliem l-ewwel nett irrid inżommu kontinwament quddiem għajnejja u napplikah

għalija, li f'dak kollu li nagħmel irrid infittex dejjem x'inhi r-rieda ta' Alla. Imbagħad b'dan il-kliem irrid nistieden lill-Insara tad-Djoċesi biex anki huma jfittxu jagħmlu dejjem ir-rieda ta' Alla.

### Matul iż-żmien li ilek il-Kenja hemm xi esperjenza partikulari li tant laqtitek u forsi għadha impressjonata f'qalbek li tixtieq taqsamha mal-oħrajn?

Biex inkun sinċier, mistoqsija bħal din nikkonfondi kif naqbad inwieġeb għaliha. Għalija ż-żmien li għaddejt s'issa fil-Kenja u b'mod speċjali fid-Djoċesi ta' Garissa huwa esperjenza waħda kontinwa. Hija esperjenza ta' realtà differenti, ta' Knisja differenti u ta' esperjenza partikulari tal-mod kif jaħdem Alla f'kull ambjent.

Kull esperjenza li għaddejt minnha, kemm jekk kienet sabiħa kif ukoll li kienet ta' tbatija, dejjem kienet parti importanti mill-pjan ta' Alla għalija, anki meta ma stajtx nifhem għaliex. Hija nisġa sħiħa ta' ġrajjiet u persuni li jiffurmaw stampa sabiħa tal-preżenza ta' Alla fil-ħajja tiegħi, stampa ħajja li għadha tifforma ruħha u tinbidel minn ġurnata għall-oħra, imma dejjem fid-dawl ta' Alla li jmexxi kollox hu.

### Xi żviluppi tara li seħħu matul dawn is-snin li ilek fil-Kenja kemm fuq livell ta' Knisja u mhux inqas fuq il-livelli kemm soċjali kif ukoll politiku?

Meta nħares lura mill-ewwel ġurnata li ġejt fil-Kenja sal-lum, ma nistax ma nammettix li rajt bidliet, uħud minnhom kbar. Jekk nitkellem fuq livell ta' Knisja fil-Kenja nara li kien hemm u għad hemm konsistenza fit-tagħlim u fil-pożizzjoni li tieħu l-Knisja fuq *issues* li jirrigwardjaw il-ħajja Nisranija u morali tal-Insara, kemm fuq livell ta' ħajja tal-familja, kemm fil-kamp tal-ġustizzja soċjali u d-drittijiet tal-bniedem, kemm fuq il-promozzjoni umana speċjalment fejn tidħol l-edukazzjoni, l-assistenza medika u d-dinja tax-xogħol, kif ukoll fuq livell ta' organizzazzjoni fl-istruttura tal-Knisja b'mod ġenerali u anki lokali.

Żvilupp ieħor li rajt iseħħ fid-Djoċesi ta' Garissa huwa fis-settur tal-edukazzjoni. F'dawn l-aħħar snin, Mons. Paul Darmanin, investa ħafna fl-edukazzjoni fid-Djoċesi tiegħu. Tista' tgħid li f'kull parroċċa tad-Djoċesi teżisti skola jew tnejn kemm tal-*kindergarten* kif ukoll skola primarja. Fil-fatt, fil-preżent, il-Knisja fid-Djoċesi ta' Garissa għandha tmien skejjel tal-*kindergarten* u ħames skejjel primarji, waħda minnhom fetħet proprju din is-sena. Għal dawk l-istudenti fl-isekejjel sekondarji d-Djoċesi qiegħda tgħin filli tisponsorja xi studenti li ġejjin minn familji fqar li ma jistgħux iħallsu. Dan jgħodd ukoll għal xi waħdiet fil-kulleġġi jew fl-università.

Fl-iskejjel tad-Djoċesi ta' Garissa l-istudenti jingħataw kemm l-edukazzjoni akkademika, kemm it-tagħlim għall-ħajja, kif ukoll il-formazzjoni tal-karattru tagħhom fuq valuri Nsara ispirati mill-messaġġ tal-Evanġelju.

Fl-iskejjel tal-Knisja jiġu tfal minn diversi tribujiet u minn diversi reliġjonijiet. Is-sabiħ huwa li, minkejja li xi drabi jeżistu differenzi u xi kultant konflitti bejn it-tribujiet u reliġjonijiet, it-tfal jitħalltu bejniethom mingħajr problemi u mingħajr ma jqisu l-oriġni tagħhom u d-differenzi li jeżistu bejn il-kbar. B'dan il-mod, l-iskola tkun qiegħda tippreparahom għall-ħajja li 'l quddiem iridu jgħixuha ma' oħrajn bi drawwiet u twemmin differenti.



Fuq livell tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin rajt ħafna żvilupp, fejn minn ftit kandidati li ngħaqdu magħna biex jgħixu l-ħajja tagħna ta' Franġiskani Kapuċċini, illum hemm numru sabiħ ta' Kapuċċini Kenjani li qegħdin imexxu d-Djar tal-Formazzjoni, id-diversi djar oħra tagħna, parroċċi u ċentri. Biex ma nsemmix ukoll in-numru sabiħ ta' Aħwa żgħażagħ li għadhom fil-formazzjoni bħala postulanti, novizzi u studenti tal-filosofija u tat-teoloġija.

Fuq livell soċjali f'dawn is-snin li ili naf il-Kenja rajt bidliet soċjali kemm fl-infrastruttura bħalma huma bini ta' toroq ġodda, installazzjoni tad-dawl elettriku u tal-ilma anki f'xi villaġġi. L-assistenza medika u l-għajnuna soċjali rreġistraw xi ftit tal-progress, minkejja li għad fadal x'wieħed jagħmel. F'dik li hija edukazzjoni, il-Gvern jipprovdi edukazzjoni b'xejn f'dik li hija edukazzjoni primarja. L-introduzzjoni tat-teknoloġija elettronika, bħalma huma l-kompjuters u wisq iżjed il-*mobile phones* qegħdin jaqbdu art ġmielhom u jiffaċilitaw b'xi mod il-ħajja tan-nies f'dik li hija komunikazzjoni.

Is-sistema politika wkoll rat tibdil. Meta waslet fil-Kenja l-1989 is-sistema politika kienet tikkonsidra biss partit wieħed. Illum l-elezzjonijiet huma miftuħin għal diversi partiti. Is-sistema demokratika qed taqbad art minkejja l-isfida tat-tribaliżmu li għadu qawwi ħafna u li xi drabi jkun il-kawża ta' konflitti mdemmija, ta' inġustizzji u ta' korruzzjoni.

Minkejja l-pass xi ftit kajman ta' żvilupp, jidher li l-futur ser ikun aħjar.

**7 Tħares lura lejn storja ta' 40 sena ta' preżenza tal-missjunarji kapuċċini Maltin fil-Kenja, speċjalment b'relazzjoni mas-snin li għaddejt hemmhekk, tħoss li għandek tesprimi apprezzament jew gratitudni lejn xi ħadd partikulari?**

Kienu ħafna l-Aħwa tal-Provinċja li ħallew Malta u ġew jaħdmu hawn fil-missjoni tal-Kenja, uħud għal snin twal u oħrajn għal żmien iqsar. Għal dawk kollha li taw is-sehem fil-missjoni tal-Kenja bil-preżenza u l-ħidma kbira tagħhom nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi għax żgur li ħadd minnhom ma kien il-missjoni bħala vaganza. Minkejja dan nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi lejn l-ewwel missjunarji Kapuċċini Maltin li telqu lejn din l-art ġdida u li kellhom jibdew mill-bidu minkejja l-ħafna sfidi li sabu ma' wiċċhom. Nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi wkoll lill-Mons. Paul Darmanin tal-ħidma tiegħu b'risq id-Djoċesi ta' Garissa għal dawn it-tletin sena li ilu bħala isqof, tletin sena mhux faċli f'ambjent bħal Garissa.

L-apprezzament tiegħi jmur ukoll għal dawk l-Aħwa Maltin li taw is-sehem tagħhom fil-formazzjoni ta' żgħażagħ Kenjani li ngħaqdu magħna fil-familja kbira tal-Franġiskani Kapuċċini, u b'mod speċjali lill-P. Pelaġju Bilocca li kien l-ewwel wieħed li ħa r-responsabbiltà biex jifforma l-ewwel żgħażagħ li ġew iħabbtu l-bieb biex isiru Kapuċċini. Nixtieq nuri gratitudni għal dawk l-Aħwa li kienu Superjuri tiegħi kemm fil-Kenja kif ukoll f'Malta.

Jekk qed insemmi Malta ma nistax ma nirringrazzjax kemm lill-Provinċjali li dejjem kellhom għal qalbhom il-missjoni tal-Kenja kif ukoll lil dawk l-Aħwa li ħadmu fis-Segretarjat u l-Uffiċċju tal-Missjoni l-Furjana, speċjalment Fr Raniero Zammit, Fr Leonard Falzon, Fr Crispin Tabone u issa Fr Philip Cutajar. Magħhom irrodd ħajr lil tant voluntiera lajċi li ħadmu fil-missjoni u l-oħrajn li ta' kuljum jagħtu s-sehem tagħhom fl-Uffiċċju tal-Missjoni, uħud minnhom anki anzjani.

L-aħħar iżda mhux l-inqas nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi lill-Prof. John Rizzo Naudi li kien ta' għajnuna strumentali għalija wara l-inċident ta' sparatura li kelli. Bis-saħħa tiegħu stajt nieħu kura eċċellenti f'Malta u barra minn Malta, u llum, għall-grazzja ta' Alla u bis-saħħa tiegħu, erġajt sibt ruħi naħdem f'din l-art tal-Kenja, fl-Afrika.





**8 Xi proġetti u tamiet tara għall-futur tal-Knisja kif ukoll tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja?**

Meta nħares lejn il-futur tal-Knisja kif ukoll tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja nara prospettivi sbieħ iżda wkoll sfidi kbar u ġodda. L-isfidi huma ġejjin kemm mis-soċjetà li qed tinbidel fil-mentalità anki dwar valuri umani u Nsara, kemm anki nuqqas fin-numru ta' vokazzjoni minħabba li n-numru tat-tfal fil-familji qed jonqos, kif ukoll għax iż-żgħażagħ għandhom x'jaljenahom. Sfidi oħra huma anki għal dawk li diġà wieġbu għas-sejħa reliġjuża u saċerdotali. Dawn huma sfidi ġejjin mill-użanzi u d-drawwiet marbutin ma' tradizzjonijiet ta' tribujiet, kif ukoll mill-istess ambjent minn fejn ikunu ġejjin li jagħti importanza aktar lid-drawwiet tribali milli l-valuri Nsara u aktar u aktar ta' ħajja kkonsagrata lil Alla fiċ-ċelibat saċerdotali u reliġjuż.

Minkejja dan kollu, nemmen tassew fil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-Knisja fejn parti kbira mill-ħidma mwettqa hija dovuta għall-intervent Tiegħu. F'dawn is-snin li ili fil-Kenja rajt kemm tassew jaħdem l-Ispirtu s-Santu, fejn, minkejja n-nuqqas ta' saċerdoti u reliġjużi, l-Insara jibqgħu jgħixu u jikbru fil-ħajja tal-fidi tagħhom f'Alla.

**9 Messaġġ għall-okkażjoni tal-40 Anniversarju ta' Preżenza tal-Kapuċċini Maltin fil-Kenja.**

Il-messaġġ tiegħi għal din l-okkażjoni ta' erbgħin sena ta' ħidma fil-Kenja huwa messaġġ ta' radd il-ħajr lil Alla li dejjem kien magħna, anki meta lanqas biss indunajna bil-preżenza tiegħu u ħsibna li konna aħna li qegħdin inwettqu l-proġetti. Radd il-ħajr lil dawk kollha, reliġjużi u lajċi li taw is-sehem tagħhom matul dawn is-snin kemm fil-Kenja stess kif ukoll minn Malta u minn Għawdex mhux biss b'sapport materjali iżda fuq kollox bit-talb tagħhom.

Jidher li mexjin fid-direzzjoni t-tajba, dik mixtieqa mill-Knisja, li għada pitgħada, anki fil-Kenja jkun hawn Knisja lokali, jiġifieri mmexxija min-nies tal-post stess, kemm bħala isqfijiet, saċerdoti, reliġjużi u lajċi.

Il-Knisja hija realtà ħafna ikbar minn Malta u mill-Kenja. Hija familja waħda kbira mifruxa mal-kontinenti kollha. Il-Papa Franġisku ta' spiss qed ifakkarna li lkoll imsejħin biex nagħtu xhieda tal-Evanġelju bil-ħajja tagħna, aħna min aħna, u aħna fejn aħna. Aħna msejħin biex inkomplu nżommu ħaj l-ispirtu missjunarju tal-Knisja.



OMELIJA Minn Fr Martin Micallef OFMCap, Ministru Provinċjal

# Il-preżenza tal-missjunarji hija preżenza ta' tama u ta' ferħ

Kemm hu providenzjali l-qari tas-silta tal-Evanġelju li llum il-Knisja qed tipproklama. (Mt 4,12-17.23-25) F'din is-silta niltaqgħu mal-bidu tal-ministeru ta' Ġesù ta' Nazaret. B'mod speċifiku, l-Evanġelista San Mattew, jinfurmana li l-bidu tal-ministeru ta' Ġesù sar fil-Galilija, anzi kif isejħilha hu, 'Galilija tal-Ġnus' (Mt 4,15), jiġifieri, art tal-pagani.

Biex nifhmu aħjar din in-nomenklatura, irridu niftakru kif il-poplu Lhudi, li kien il-poplu ta' Alla, kien jemmen li hu biss jikkwalifika għas-salvazzjoni. F'din il-mentalità kien ifisser li l-popli l-oħra, meqjusin bħala 'pagani', kienu barra minn din is-salvazzjoni. Imma kien proprju hemmhekk, fil-Galilija tal-ġnus u mhux fil-qalba ta' Ġerusalemm li Ġesù għażel li jibda l-ministeru tiegħu: fix-xifer jew fil-periferija biex nuża kelma favorita tal-Papa Franġisku f'tant diskorsi tiegħu.

"Il-poplu li kien qiegħed fid-dlam ra dawl kbir; dawk li kienu f'art u dell il-mewt idda dawl għalihom." (Mt 4,16) Din il-profezija issa qed tiġi applikata għall-persuna ta' Ġesù, persuna li kellha l-qawwa tbiddel id-dlam f'dawl kbir! Ġesù kien dak li miegħu ġab tama u ferħ! Dan jidher mill-mod kif tkompli s-silta fejn turina kif Ġesù akkumpanja l-predikazzjoni tal-WASLA TAS-SALTNA TA' ALLA ma' numru kbir ta' mirakli: "U dar il-Galilija kollha jgħallem fis-sinagogi tagħhom, ixandar l-Evanġelju tas-Saltna u jfejjaq kull xorta ta' mard u dgħufija fost il-poplu." (v.23)

X'inhi din is-Saltna ta' Alla li xandar Ġesù? Hija l-istess preżenza ta' Alla li sa dak il-waqt donnha li kienet limitata għall-binja tat-tempju ta' Ġerusalemm. Imma issa din l-istess preżenza kienet estendiet ruħha għal tempju ġdid, it-tempju tal-persuna ta' Ġesù Kristu. Is-Saltna ta' Alla mela hija l-preżenza ta' Alla fostna permezz ta' Ibnu Ġesù Kristu li kull minn fejn għadda ta tama u ferħ; li biddel id-dlam fid-dawl!

X'rilevanza għandu dan kollu għall-okkażjoni li qed niċċelebraw illum? Proprju 40 sena ilu, eżattament bħall-bieraħ, 5 ta' Jannar 1974, sitta minn ħutna Kapuċċini ngħataw l-Ubbidjenza Missjunarja sabiex imorru bħala missjunarji f'missjoni ġdida, il-missjoni tal-Kenja li kienet għadha kemm ingħatat lilna l-Kapuċċini Maltin wara żmien twil ta' ħidma missjunarja fl-Indja. Dawn ħutna kienu Leo White, Francis Baldacchino, Joe Mallia, Teodosju Meli, Joe Gauci u Vincent Buhagiar.

Bħal-lum 40 sena ilu, imbagħad, jiġifieri l-għada tal-għoti tal-ubbidjenza missjunarja, tnejn minn dawn ħutna, Leo White u Francis

Baldacchino, kienu telqu għall-Kenja. L-erbgħa l-oħra marru ftit wara. Dawn ħutna, bħal Abraham, għamlu mixja ta' fidi bla ma kienu jafu eżattament fejn ser twassal. Marru f'art ġdida fejn l-ebda Kapuċċin ma kien għadu ħadem. Marru f'kultura differenti, f'sitwazzjonijiet xejn faċli. Imma bħal Abraham, emmnu, u allura din kienet mixja ta' fidi. X'emmnu? Emmnu żewġ affarijiet. L-ewwel, li Alla għandu isem: l-Għimmanu-el, Alla magħna (ara Mt 1,23) u li skont il-wegħda tiegħu ser ikun magħhom dejjem (ara Mt 28,20). It-tieni, huma emmnu l-kliem ta' Kristu Rxoxt meta lin-nisa qalilhom: "Tibżgħu xejn; morru wasslu l-aħbar lil ħuti biex jitilqu lejn il-Galilija; lili jarawni hemmhekk." (Mt 28,10) Tassew li Ġesù kien wasal qabel dawn il-missjunarji fil-Kenja, jistenniehom hemmhekk u jħejjilhom it-triq għall-missjoni kbira li kienet qed tistenniehom.

Il-bidu ta' dan il-vjaġġ kien wieħed umli u żgħir. Imma huwa fejn hemm dan l-atteġġjament li l-Mulej jaħdem. Hu stess ixebbah lis-Saltna tas-Smewwiet maż-żerriegħa tal-mustarda li 'Hija tabilħaqq l-iżgħar waħda fost iż-żrieragħ kollha, iżda meta tikber, tkun l-akbar waħda fost il-ħxejjex u ssir siġra hekk li l-għasafar tal-ajru jiġu jbejtu fil-friegħi tagħha.' (Mt 13,32)

L-umiltà tal-missjunarji tagħna kienet bħal din iż-żerriegħa ċkejkna li minnha kibret siġra kbira. Hadd qatt ma basar li minn din iż-żerriegħa ċkejkna kellhom isiru tant opri tal-ħniena, li jressqu lill-Knisja lejn il-fedeltà tal-messaġġ tal-evanġelju; kellhom jinbnew



tant knejjes, skejjel, kliniċi; kellhom isiru tant katekeżijiet, evanġelizzazzjoni f'din il-'Galilija tal-ġnus'; kellu jitwaqqaf l-Ordni Kapuċċin, b'żewġt idjar ta' Formazzjoni, f'Umoja u Langata. P. Pelaġju Bilocca, l-ewwel promotur vokazzjonali jħobb jgħidli: 'Ma nafx kif minn deżert kienu jiġu dawn il-vokazzjonijiet ġodda. Veru li l-Mulej riedna nkunu hemm u veru li l-Mulej ried l-Ordni tagħna fil-Kenja.'

Nemmen li dan kollu sar għax kien hemm ħafna umiltà. Kif tkanta Marija: "Xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom ... u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn." (Lq 1,52-53) Fejn hemm is-suppervja Alla ma jaħdimx. Il-missjunarji tagħna kellhom l-atteġġjament ta' Marija, atteġġjament ta' umiltà u fiduċja f'Alla s-Salvatur.

Nistgħu ngħidu wkoll li l-missjunarji tagħna, li ma kinux ftit fin-numru f'dawn l-40 sena ta' ħidma, kienu wkoll bħall-Istilla li mexxiet il-maġi sa ħdejn Ġesù (ara Mt 2,1-12). Dawn il-maġi nistgħu ngħidu li kienu jagħmlu parti mill-'Galilija tal-Ġnus', għaliex kienu nies pagani imma b'xewqa f'qalbhom li jagħmlu vjaġġ li jwassalhom sa ħdejn is-sultan tal-Lhud li kien għadu kemm twieled.






Il-preżenza u l-ħidma tal-missjunarji tagħna kienet bħal din l-istilla li l-funzjoni tagħha kienet li turi fejn kien hemm Ġesù, li tferraħ u li tagħti d-dawl. Il-missjunarji tagħna bil-preżenza tagħhom għexu dak li aktar tard il-Papa Benedittu XVI qal, liema kliem ġie kkwotat mill-Papa Franġisku fid-diskors li għadu kemm għamel lis-Superjuri Ġenerali tal-Ordnijiet Reliġjużi: "il-Knisja tikber permezz tax-xhieda, mhux bil-proselitiżmu." Il-preżenza ta' dawn il-missjunarji tagħna kienet tassew ta' xhieda għall-poplu tal-Kenja li ħadmu magħhom b'tant ġenerożità u sagrifiċċji. Kien dan li wassal lil xi wħud sabiex jagħrfu fihom il-preżenza ta' Ġesù li sar bniedem bħalna u ċċekken daqshekk.




Il-preżenza tal-missjunarji tagħna fil-Kenja, mela, nistgħu ngħidu li kienet preżenza ta' tama u ta' ferħ, bħalma kienet il-preżenza ta' Kristu fil-Galilija tal-ġnus li dawret id-dlam f'dawl.

Ma kinux faċli dawn l-40 sena ta' ħidma! Saru ħafna sagrifiċċji, saru attentati fuq il-ħajja tal-istess missjunarji u dawk li ħadmu magħhom, sar anke qtil ta' soru, u inċidenti serji. Imma Alla kien hemm. Kif kienet hemm ukoll Marija. Hekk jibda l-episodju tat-tieġ ta' Kana: "u omm Ġesù kienet hemm." (Ġw 2,1)

Illum qed niċċelebraw dan l-anniversarju mhux biex noqogħdu niftaħru bix-xogħol li sar. Qegħdin niċċelebraw 40 sena ta' ħidma missjunarja fil-Kenja b'sens ta' gratitudni f'qalbna għat-tjieba u l-fedeltà ta' Alla lejna. Bħal Marija li "kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha" (Lq 2,51), aħna wkoll illum qed niċċelebraw tant tifkiriet sbieħ ta' 40 sena ta' ħidma fil-Kenja.



Fl-istess ħin dan l-anniversarju jibqa' joffrilna l-isfida li joffrilna Kristu Ġesù stess meta qabel il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż lill-appostli qalilhom: "Agħtuhom intom x'jieklu." (Mk 6,37) X'għandna x'noffru llum lil xulxin? X'għandna x'noffru llum lil tant refuġjati li qed jaslu Malta bil-gzuz? X'għandna x'noffru llum lill-missjunarji tagħna? X'għandna x'noffru aħna llum lill-popli li qed jistennew l-għajnuna tagħna? Ha jibqa' l-kliem ta' Kristu 'agħtuhom intom x'jieklu' jispirana u jisfidana fl-appostolat tagħna!

Nitolbu llum għall-missjunarji kollha tagħna dawk li ħadmu fil-Kenja, dawk li għadhom ħajjin, dawk li mietu, dawk li rtiraw, dawk morda. Nitolbu għall-Aħwa Kapuċċini Kenjani, għall-Viċi Provinċjal, Ħuna George Muthaka li għandu resposabbiltà fil-ministeru ta' qadi lill-Aħwa, u nitolbu għan-nies tal-lokal, għall-Kenjani sabiex jibqgħu jgħixu fil-paċi bħall-Aħwa tassew.

***Din l-omeljia ġiet mogħtija minn Fr Martin Micallef OFMCap, Ministru Provinċjal fl-okkażjoni ta' għeluq l-40 Anniversarju tal-preżenza tal-kapuċċini Maltin fil-Kenja. 6 ta' Jannar 1974-2014***





KOMPETIZZJONI Fr WISTIN ATTARD OFMCap

*Agħmel fotokopja minflok taqta' din il-paġna*

# ROKNA Għat-tfal

NIPPARTEĊIPAW U NITGĦALLMU NUŻAW IL-BIBBJA

## Nisa fil-Bibbja Nru 30

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | E | S | U | L | L | E | M | E | T | E | H | O |
| Q | A | B | I | S | F | E | Ħ | P | Ż | A | B | A |
| Ż | E | B | I | D | D | A | Ġ | U | S | V | A | Ħ |
| N | S | E | M | F | A | E | Ħ | L | S | R | T | G |
| E | A | J | I | L | O | K | E | Ġ | Ħ | I | Ħ | U |
| Ħ | S | K | E | N | X | L | A | G | I | A | M | S |
| U | K | Ħ | Ġ | A | F | G | A | J | Ġ | O | Ħ | T |
| S | A | D | T | O | D | N | Ħ | Ġ | I | A | R | A |
| T | Ħ | Q | N | A | S | I | I | A | M | T | N | B |
| A | G | I | R | L | R | T | D | U | T | F | I | X |
| L | A | T | I | B | A | F | T | E | V | A | L | B |
| G | Ħ | E | F | A | X | A | E | C | Ġ | S | R | U |
| A | B | I | P | V | L | I | J | A | Ħ | I | B | A |

ABIĦAJIL
ABITAL
BATSUGĦA
BITIJA
EFRAT
ĠEDIDA
ĠEKOLIJA
GĦAKSA
GĦATARA
GĦEFA
ĦAĠĠIT
ĦAMUTAL
ĦASLELFONI
ĦEFSIBA
ĦELA
ĦUSIM
MESULLEMET
NAGĦRA
NEĦUSTA
ŻEBIDDA

*Ir-rebbieħ ta' kull kompetizzjoni qed jingħata żewġ kotba ppubblikati reċentement, mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar.*

Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan,**
**Kunvent tal-Kapuċċini**
**Il-Furjana FRN 1211.**

Agendabookshop

***Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni TISLIBA 129 ta' Frar 2014 hija: NOEMI SPITERI li tattendi fl-Iskola Primarja Theresa Nuzzo - Il-Marsa. (Prosit lill-għalliema tar-Reliġjon li ħadet l-inizjattiva sabiex l-istudenti jaħdmu din it-Tisliba waqt il-klassi.)***

***Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni ROKNA GĦAT-TFAL ta' FRAR 2014: "AĦSEB U WIEĠEB" hija: CARLA MAGRIN - "SOLARIA" 53, Triq Dun Vinċenz Saliba - SWATAR - B'KARA.***
***Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini - Il-Furjana.***

## Tisliba 130




1. Ma kinitx għalxejn. (1 Tess 2,1) (5)
2. Iżjed milli jnaddaf. (Mal 3,3) (6)
3. Jekk il-mara hi hekk. (1 Tim 5,4) (5)
4. F'id wieħed fis-sakra. (Prov 26,9) (5)
5. Missier Ġosija. (Ġer 1,2) (4)
6. Mhux ... minn elf raġel. (2 Mak 5,5) (5)
7. X'kien meta sejjaħlu l-Mulej. (1 Kor 7,22) (5)
8. Tibżax, biss agħmel hekk. (Mk 5,36) (5)
9. Min ... jerġax jibdielu. (Ġoel 2,14) (3)
10. Ma kienx hemm post f'din. (Lq 2,7) (7)
11. U 12. Hekk tagħmlu lill-bniedem il-ġdid. (Efes 4,24) (6)
13. Huti, *tfarrġu.* (Ġak 5,7) (6)
14. Mhux ħeġġeġ biss. (Tit 2,15) (5)
15. Dan ġie Ġerusalemm. (Esd 7,8) (5)
16. Tobit ... fil-bitħa ta' daru. (Tob 3,17) (5)
17. Din issir skont ix-xekel. (Lev 27,25) (5)
18. Jinqabad fiha. (Eżek 17,20) (7)
19. Sa hawn u sa Għekron. (1 Sam 17,52) (4)
20. Din xeħtet lil Ġona fuq l- ... (Ġona 2,11) (3)
21. Karsena ..., Admata. (Est 1,14) (5)
22. U ma tissejjaħx aktar hekk. (Ġen 17,5) (5)

**SOLUZZJONI TA' FRAR 2014**
1. Fejda; 2. Ġordan; 3. Wittu; 4. Iġmla; 5. Żfin; 6. Inbid; 7. Erodi; 8. Ġifen; 9. Dud; 10. Talenti; 11. u 12. Inġust; 13. Saltna; 14. Pawlu; 15. Kilna; 16. Martu; 17. Eżodu; 18. Aħażija; 19. Amma; 20. Luż; 21. Lemin; 22. Tined.

# Għajnuna għall-Missjoni

## Kif?
## B'liema Mod?
## Kemm?

### 7 MODI KIF TISTA' TGĦIN

1 **BORŻA TA' STUDJU** sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €580.

2 IBAGHTULNA BOLOL UŻATI ... JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI. Naċċettaw kull tip ta' bolol użati. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. Kull kilo bolol użati aħna nbigħuhom b'5 euro għall-missjoni.

3 NAPPREZZAW LI TIBAGHTULNA RĊEVUTI TAL-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni.

4 NAĊĊETTAW TELECARDS UŻATI.

5 NAPPREZZAW LI TIBAGHTULNA KULL OĠĠETT LI NISTGHU NBIGHU FIL-BAZAAR GHALL-MISSJONI minbarra lbies (clothes) u żraben użati.

6 Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta sabiex inqassmu r-Revista "DAWL FRANĠISKAN" minħabba nuqqas ta' distributiri f'ċertu bliet u rħula. OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGHEK BIEX TQASSAM IR-REVISTA FIL-BELT JEW RAHAL TIEGHEK. Għandna bżonn: Baħar Iċ-Ċagħaq; Ħal Balzan; B'Kara; Bormla; Il-Għargħur; In-Naxxar; Il-Manikata; Paola; Pembroke; Il-Qawra; Ħal Qormi; San Ġiljan; Santa Luċija u Il-Belt Valletta.

7 Meta tiġi biex tagħmel it-testment wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruża BILLI THALLI XI HAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.

*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:*
**Fr Philip Cutajar OFMCap**

**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Il-Furjana**

**Telefown:** 2123 3874 2123 4949 2122 5525

**Imejl:** cutajarphilip777@gmail.com